ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 317

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

28 ta' Novembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1207/2013 tat-22 ta' Novembru 2013 li japprova emenda minuri għall-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni rreġistrata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u tal-indikazzazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fourme d'Ambert (DPO)]** 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1208/2013 tal-25 ta' Novembru 2013 li japprova emenda minuri fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Prosciutto di Parma (DPO)]** 8

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1209/2013 tal-25 ta' Novembru 2013 li japprova modifika mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Camembert de Normandie (DPO)]** 17

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1210/2013 tal-25 ta' Novembru 2013 li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Melocotón de Calanda (DPO)]** 19

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1211/2013 tal-25 ta' Novembru 2013 li japprova emenda minuri għall-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni rreġistrata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u tal-indikazzazzjonijiet ġeografiċi protetti [Banon (DPO)]** 21

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1212/2013 tas-26 ta' Novembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 30

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2013 tas-27 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 33

DEĊIŻJONIJIET

2013/687/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2013 dwar in-notifika mir-Repubblika Ellenika ta' pjan nazzjonali tranżitorju msemmi fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8133)*.... 35

III *Atti oħrajn*

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 258A/13/COL tal-25 ta' Ġunju 2013 biex tiġi aċċettata rikjesta għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att imsemmi f'punt 13c fil-Kapitolu I tal-Anness XIII mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-*Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi*) biex jiġi awtorizzat it-trasport ta' skart perikoluż kif deskritt fl-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi Nru 384 tal-1 ta' April 2009 (*Forskrift om landtransport av farlig gods*, "ir-Regolament Norveġiż"), sakemm il-kumpanija tat-trasport għandha konsulent tas-sigurtà tal-ADR; u sakemm dawk li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż jattendu taħriġ speċjali qabel ma jkunu awtorizzati jagħmlu hekk** 38

MT

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1207/2013

tat-22 ta' Novembru 2013

li japprova emenda minuri għall-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni rreġistrata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u tal-indikazzazzjonijiet ġeografiċi protetti [Fourme d'Ambert (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'mod konformi mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Fourme d'Ambert", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1263/96 ([2]).

(2) L-għan tat-talba huwa li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet billi tiġi ppreċiżata l-prova tal-oriġini, il-metodu tal-ksib, it-tikkettjar, ir-rekwiżiti nazzjonali u d-dettalji tal-istrutturi inkarigati mill-kontroll tad-denominazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda inkwistjoni u kkonkludiet li din hija ġġustifikata. Peress li l-emenda hija minuri skont it-tifsira tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura stabbilita fl-Artikoli 50 sa 52 tal-imsemmi regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Fourme d'Ambert" huma emendati b'mod konformi mal-Anness I ta' dan ir-regolament.

Artikolu 2

Id-dokument uniku kkonsolidat li jiġbor l-elementi prinċipali tal-ispeċifikazzjonijiet jinsab fl-Anness II ta' dan ir-regolament.

Artikolu 3

Dan ir-regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.

ANNESS I

Fl-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Fourme d'Ambert", l-emenda li ġejja hija approvata:

1. **Intestatura IV.2. "Deskrizzjoni tal-prodott"**

— Id-deskrizzjoni organolettika li ġejja tissupplimenta d-deskrizzjoni tal-prodott: "Il-Fourme d'Ambert għandu kompożizzjoni ratba u kremuża. Għandu riħa fina u tfuħ, togħma prodott tal-ħalib aċċentwata b'taħlita ta' togħmiet li jirriżultaw mill-attività ta' moffa tal-*Penicillium roqueforti*, b'togħma ta' frott. Tikka mluħa u qrusa ħafifa huma aċċettati.". Din id-deskrizzjoni hija utli għall-eżami organolettiku tal-prodott fil-qafas tal-kontroll.

— Huwa ppreċiżat li "Il-qtugħ tal-Fourme d'Ambert huwa awtorizzat jekk dan ma jiżnaturax il-kompożizzjoni tiegħu". Meta jitqies l-iżvilupp kostanti fil-modi ta' konsum tal-ġobon, din id-dispożizzjoni tiffissa qafas sabiex jiġu evitati derivattivi f'termini tat-tip ta' qtugħ.

2. **Intestatura IV.4. "Prova tal-oriġini"**

2.1. *Subintestatura IV.4.1 "Obbligi dikjarattivi"*

— Huwa ppreċiżat li "Id-dikjarazzjoni ta' identifikazzjoni ssir skont mudell ivvalidat mid-Direttur tal-Istituzzjoni nazzjonali tal-oriġini u tal-kwalità". Il-kontenut u l-modalitajiet tat-trażmissjoni tad-dikjarazzjonijiet meħtieġa għall-għarfien u s-segwitu tal-prodotti huma ddettaljati, għal kull kategorija ta' operatur ikkonċernat. Dawn l-emendi huma marbuta mar-riforma tas-sistema ta' kontroll tad-denominazzjonijiet ta' oriġini li ddaħħlet bil-liġi tad-digriet Nru 2006-1547 tas-7 ta' Diċembru 2006 dwar il-valorizzazzjoni tal-prodotti agrikoli, tal-foresti jew tal-ikel u tal-prodotti tal-baħar.

2.2. *Subintestatura IV.4.2 "Reġistri"*

— Il-lista ta' reġistrazzjonijiet li l-operaturi għandhom iwettqu hija kkompletata sabiex jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni ddefiniti mill-ispeċifikazzjonijiet.

2.3. *Subintestatura IV.4.3 "Kontrolli fuq il-prodott"*

— L-istadju meta jsir l-eżami organolettiku tal-prodott u l-metodu tat-teħid tal-kampjuni huma ppreċiżati. Dawn il-modalitajiet huma sussegwentement inklużi fil-pjan ta' kontroll jew ta' spezzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini mfassal minn korp ta' kontroll.

3. **Intestatura IV.5 "Metodu tal-ksib"**

3.1. *Subintestatura IV.5.1 "Produzzjoni tal-ħalib"*

— Il-merħla li tipproduċi l-ħalib hija ddefinita. Din tikkonsisti fi "il-baqar tal-ħalib u l-erieħ ta' tiġdid kollha preżenti fl-impriża agrikola", waqt li huwa mifhum li "il-baqar tal-ħalib huma l-annimali li jkunu qegħdin jipproduċu l-ħalib u dawk xotti" waqt li "l-erieħ huma l-annimali bejn il-fażi tal-ftim sakemm iwelldu". Din id-definizzjoni hija intiża biex tistabbilixxi b'mod ċar għal liema annimali qiegħda ssir referenza bl-użu tat-termini "merħla li tipproduċi l-ħalib", "baqar tal-ħalib" u "erieħ" fil-kumplament tal-ispeċifikazzjonijiet, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni.

— Huwa propost li tiddaħħal din id-dispożizzjoni:

"Sa mill-1 ta' Jannar 2015, l-għalf maħsud mogħti lill-erieħ għandu jiġi wkoll miż-żona ġeografika. Ta' mill-inqas xahar qabel ma jibdew jagħmlu l-ħalib, l-erieħ għandhom ikunu preżenti fuq l-impriża agrikola u l-alimentazzjoni tagħhom għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet iffissati minn dawn l-ispeċifikazzjonijiet għall-alimentazzjoni tal-baqar tal-ħalib li jkunu qegħdin jipproduċu l-ħalib."

L-għan ta' din il-miżura huwa li tissaħħaħ ir-rabta mal-art permezz tal-alimentazzjoni tal-merħla li tipproduċi l-ħalib (inklużi l-erieħ) u li jiġi ffaċilitat il-kontroll tal-alimentazzjoni tal-annimali (billi jiġu evitati b'mod partikolari t-trasferimenti ta' għalf bejn baqar tal-ħalib u erieħ). Huwa ffissat terminu għall-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Effettivament, il-kisba tal-awtonomija fit-tagħlif tista' teħtieġ l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet li jieħdu ż-żmien: bidla tal-pratiki, modifika tal-mergħat.

— Id-dispożizzjoni li tirrigwarda l-projbizzjoni tal-kruċiferi hija ppreċiżata b'dan il-mod: "Il-konsum u d-distribuzzjoni tal-kruċiferi fil-forma ta' għalf aħdar huma pprojbiti u dan għall-annimali kollha preżenti fl-impriża agrikola.". L-objettiv huwa li jiġi ffaċilitat il-kontroll u li tiġi evitata kull ambigwità għal ċerti kruċiferi li jistgħu jkunu kemm għalf kif ukoll supplimenti (pereżempju l-kolza).

— Ir-rwol tal-ħaxix bħala bażi tal-alimentazzjoni huwa affermat, ippreċiżat u msaħħaħ permezz tad-dispożizzjonijiet li ġejjin: "Bħala medja matul is-sena, il-ħaxix mikul mill-mergħa, fil-forma ta' tiben, qabel ma jsir tiben jew mis-silo jirrappreżenta ta' mill-inqas 50 % tar-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib, espress bħala materjal niexef. Ta' kuljum, il-ħaxix mikul mill-mergħa, fil-forma ta' tiben, qabel ma jsir tiben jew mis-silo jirrappreżenta ta' mill-inqas 30 % tar-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib, espress bħala materjal niexef.".

— Id-dispożizzjoni dwar il-kwantità minima ta' tiben imqassam lill-baqar tal-ħalib barra mill-perjodu meta jirgħu hija fformulata mill-ġdid u ssupplimentata bil-frażi "Tiben tfisser ħaxix maqtugħ u mnixxef b'persentaġġ ta' materjal niexef ta' aktar minn 80 %.". Effettivament, fil-qafas tal-kontroll, irriżulta li kien neċessarju li tiġi ppreċiżata d-definizzjoni ta' tiben.

— Il-kundizzjonijiet għall-ħżin tal-għalf huma ppreċiżati skont kif ġej: "Sa mill-1 ta' Jannar 2015, it-tiben li jintuża għall-alimentazzjoni tal-merħla li tipproduċi l-ħalib għandu jinħażen f'post fiss, niexef u iżolat mix-xemx. L-għalf tas-silo għandu jinħażen f'post miksi bil-konkrit jew stabilizzat.". Dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi biex jippreżervaw il-kwalità tal-għalf. Id-dħul fis-seħħ iddiferit tal-ewwel dispożizzjoni għandu jippermetti lill-operaturi li jagħmlu l-investimenti meħtieġa.

— Għal aktar preċiżjoni, huwa indikat li l-projbizzjoni tat-trobbija esklużivament fi stalel permanenti tikkonċerna l-baqar tal-ħalib. Matul il-perjodu meta jkun disponibbli l-ħaxix, sakemm ikun jippermetti t-temp, huwa impost obbligu li l-baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib jinħarġu jirgħu f'dawn il-kundizzjonijiet: "It-tul ta' dan il-perjodu ma jistax ikun inqas minn 150 jum fis-sena. Il-mergħat li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib għandhom ikunu ta' mill-inqas 3 000 metru kwadrat għal kull baqra bħala medja matul il-perjodu tar-ragħa. Il-mergħat għandhom ikunu aċċessibbli għall-annimali.". Dawn il-kundizzjonijiet huma intiżi biex jissaħħaħ is-sehem tar-ragħa fl-alimentazzjoni tal-baqar tal-ħalib.

— Il-materja prima li tista' tintuża fis-supplimenti mogħtija lill-baqar tal-ħalib u l-addittivi awtorizzati issa huma elenkati f'żewġ listi pożittivi distinti, għal aktar ċarezza.

Il-lista pożittiva ta' materja prima awtorizzata fis-supplimenti mogħtija lill-baqar tal-ħalib hija kkompletata bil-prodotti tal-ħbub tal-qamħ, il-qamħirrum umdu, il-prodotti taż-żerriegħ oleaġinużi u leguminużi, is-subprodotti taż-żerriegħ tal-leguminużi, il-prodotti sekondarji tal-manifattura tal-aċidi amminiċi mill-fermentazzjoni u l-imluħ tal-ammonju. It-termini "iż-żerriegħ proteaġinużi", "l-espellenti kollha mingħajr żieda ta' urea" u "il-melħ, il-minerali" huma ssostitwiti rispettivament bit-termini "iż-żerriegħ tal-leguminużi", "is-subprodotti taż-żerriegħ jew frott oleaġinuż, mingħajr żieda ta' urea" u "l-elementi minerali". Huwa ppreċiżat ukoll li l-imżiewed tal-qamħirrum jistgħu jiġu kkonservati f'kundizzjonijiet nexfin jew umdi. Dawn il-materji primi ma għandhomx impatt fuq il-kwalità tal-prodott.

L-użu tas-soder għat-trattament taċ-ċereali u s-subprodotti tagħhom huwa pprojbit għaliex din ma hijiex prattika tradizzjonali.

Il-lista pożittiva ta' addittivi hija ssostitwita bil-frażi "Kull addittiv intiż biex jimmodifika direttament il-kompożizzjoni tal-ħalib huwa pprojbit." u telenka b'mod eżawrjenti l-kategoriji u l-gruppi funzjonali ta' addittivi awtorizzati, waqt li tirrispetta t-terminoloġija regolatorja. Din l-emenda hija intiża biex tiġi evitata kull ambigwità jew interpretazzjoni matul il-kontrolli.

— Dispożizzjoni li tipprojbixxi l-OĠM fl-alimentazzjoni tal-annimali u l-kultivazzjonijiet tal-impriża agrikola hija miżjuda, sabiex jinżamm il-karattru tradizzjonali tal-alimentazzjoni.

— Il-modalitajiet għall-introduzzjoni ta' annimali mixtrija minn barra l-impriża agrikola fil-merħla li tipproduċi l-ħalib huma ppreċiżati skont kif ġej: "Ta' mill-inqas xahar qabel ma jibdew jipproduċu l-ħalib, l-erieħ u l-baqar xotti mixtrija għandhom jiġu ppreżentati fl-impriża agrikola u l-alimentazzjoni tagħhom għandha tkun skont id-dispożizzjonijiet iffissati minn dawn l-ispeċifikazzjonijiet għall-alimentazzjoni tal-baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib." B'hekk, l-annimali mixtrija minn barra l-impriża agrikola jibbenefikaw minn perjodu ta' adattament ta' mhux inqas minn xahar qabel ma l-ħalib tagħhom jintuża għall-produzzjoni tal-Fourme d'Ambert.

L-introduzzjoni fil-merħla ta' baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib tista' ssir f'dawn il-kundizzjonijiet: "F'merħla tal-ħalib, il-baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib mixtrija mingħand bdiewa li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini 'Fourme d'Ambert' jirrappreżentaw massimu ta' 10 % tal-merħla tal-baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib tal-impriża agrikola fis-sena relevanti, jew, fis-sena, massimu ta' baqra tal-ħalib waħda fil-fażi li tipproduċi l-ħalib relevanti għal impriżi agrikoli li jkollhom inqas minn 10 baqar tal-ħalib fl-impriża agrikola."

— Huwa ppreċiżat li "Id-dikantar taċ-ċisterni f'tankijiet fissi għandu jitwettaq b'mod obbligatorju fiż-żona ġeografika tad-denominazzjoni.", sabiex tiġi msaħħa t-traċċabilità tal-ħalib u jiġi ffaċilitat il-kontroll.

3.2. *Subintestatura IV.5.5 "Produzzjoni fir-razzett"*

— Fil-każ tal-produzzjoni fir-razzett, is-sentenza "għandu jintuża l-ħalib ta' mhux aktar minn żewġ ħalbiet suċċessivi, fejn l-ewwel wieħed jinżamm imkessaħ sabiex jibqa' tajjeb" tneħħiet. Din ġiet ikkunsidrata li hija inutli meta titqies id-dispożizzjoni li tipprevedi li għal dan it-tip ta' produzzjoni, "iż-żieda tal-kimożina għandha ssir mhux aktar tard minn 16-il siegħa wara l-eqdem ħalba.".

3.3. *Subintestatura IV.5.3 "Proċessar"*

— Huwa ppreċiżat li t-tniggiż isir mir-raba' jum 'il quddiem mill-jum taż- żieda tal-kimożina, minflok mir-raba' jum wara ż-żieda tal-kimożina, sabiex tiġi evitata kull ambigwità matul il-kontroll u b'mod konformi mal-prattiki fis-seħħ fis-settur.

4. **Intestatura IV.8 "Tikkettjar"**

L-obbligu li titpoġġa r-referenza "denominazzjoni ta' oriġini kkontrollata" fuq it-tikketta tneħħa u ġie ssostitwit bl-obbligu li jitpoġġa s-simbolu tal-Unjoni Ewropea relatat mad-denominazzjoni ta' oriġini protetta, sabiex it-tikketta tkun tinqara faċilment u tinħoloq sinerġija fil-komunikazzjoni tal-prodotti rreġistrati DPO.

5. **Intestatura IV.9 "Rekwiżiti nazzjonali"**

B'mod konformi mar-riforma nazzjonali tas-sistema ta' kontroll tad-denominazzjonijiet ta' oriġini msemmija iktar 'il fuq, ġiet miżjuda tabella li tippreżenta l-punti prinċipali li għandhom jiġu kkontrollati u l-metodu kif jiġu evalwati.

ANNESS II

DOKUMENT UNIKU KKONSOLIDAT

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1])

"FOURME D'AMBERT"

Nru KE: FR-PDO-0217-010150-6.7.2012

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Dénominazzjoni**

"Fourme d'Ambert"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-prodott tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.3. Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott bid-denominazzjoni msemmija fil-punt 1*

Il-ġobon li jibbenefika mid-denominazzjoni ta' oriġini "Fourme d'Ambert" huwa ġobon magħmul mill-ħalib tal-baqra pproċessat bil-kimożina li jiġi fil-forma ta' ċilindru b'tul ta' bejn 17 u 21 ċentimetru, dijametru ta' bejn 12,5 u 14-il ċentrimetru u piż ta' bejn 1,9 u 2,5 kilogramma, b'polpa bil-vini, mhux ippressat, mhux imsajjar, iffermentat u mmellaħ.

Il-kontenut f'materja grassa huwa ta' mhux inqas minn 50 gramma għal kull 100 gramma ta' ġobon wara t-tnixxif totali, u l-kontenut tal-materjal niexef ma għandux ikun inqas minn 50 gramma għal kull 100 gramma ta' ġobon immaturat.

Il-ġobon jista' jibbenefika mid-denominazzjoni ta' oriġini "Fourme d'Ambert" biss mit-tmienja u għoxrin jum mid-data taż-żieda tal-kimożina.

Il-"Fourme d'Ambert" huwa ġobon miksi b'qoxra fina u bil-moffa, ta' lewn minn griż ċar sa griż li jista' jkollu moffa bajda, safra u ħamra kif ukoll riflessjonijiet fil-blu. Il-polpa ta' kulur abjad lewn il-krema għandha fetħiet b'vini regolari blu fl-aħdar.

Il-"Fourme d'Ambert" għandu kompożizzjoni ratba u kremuża. Għandu riħa fina u tfuħ, togħma ta' prodott tal-ħalib aċċentwata min taħlita ta' togħmiet li jirriżultaw mill-attività ta' moffa tal-*Penicillium roqueforti*, b'togħma ta' frott. Tikka mluħa u qrusa ħafifa huma aċċettati.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Għalf għall-annimali (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss)*

Matul is-sena kollha, ir-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib huwa żgurat esklużivament minn għalf provenjenti miż-żona ġeografika tad-denominazzjoni. "Il-konsum u d-distribuzzjoni tal-kruċiferi fil-forma ta' għalf aħdar huma pprojbiti u dan għall-annimali kollha preżenti fl-impriża agrikola.

Bħala medja matul is-sena, il-ħaxix mikul mill-mergħa, fil-forma ta' tiben, qabel ma jsir tiben jew mis-silo jirrappreżenta ta' mill-inqas 50 % tar-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib, espress bħala materjal niexef. Ta' kuljum, il-ħaxix mikul mill-mergħa, fil-forma ta' tiben, qabel ma jsir tiben jew mis-silo jirrappreżenta ta' mill-inqas 30 % tar-razzjon bażiku tal-baqar tal-ħalib, espress bħala materjal niexef.

Barra mill-perjodu meta jirgħu, il-baqar tal-ħalib jirċievu kuljum ta' mill-inqas 3 kg tiben għal kull baqra, espress bħala materjal niexef.

Matul il-perjodu meta jkun disponibbli l-ħaxix, sakemm ikun jippermetti t-temp, huwa impost obbligu li l-baqar tal-ħalib li jkunu qed jipproduċu l-ħalib jitħallew jirgħu. It-tul ta' dan il-perjodu ma jistax ikun inqas minn 150 jum fis-sena.

L-għoti ta' supplimenti u addittivi huwa llimitat għal 1 800 kg ta' materjal niexef għal kull baqra tal-ħalib u fis-sena, bħala medja għall-baqar tal-ħalib kollha.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Issostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel. (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

Huma awtorizzati biss bħala supplimenti u addittivi mogħtija lill-baqar tal-ħalib il-materji prima u l-addittivi ppreċiżati f'lista pożittiva.

Huma awtorizzati biss għall-alimentazzjoni tal-annimali dawk il-ħxejjex, il-prodotti sekondarji u l-għalf supplimentari minn prodotti mhux transġeniċi.

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika delimitata*

Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura, il-maturazzjoni u l-konservazzjoni tal-ġobon ta' 28 jum li jibdew jgħoddu mid-data taż-żieda tal-kimożina għandhom iseħħu fi ħdan iż-żona ġeografika.

3.6. *Regoli speċifiċi applikabbli għat-tfettit, tħakkik u tgeżwir, eċċ.*

Il-qtugħ tal-"Fourme d'Ambert" huwa awtorizzat jekk dan ma jiżnaturax il-kompożizzjoni tiegħu.

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettjar*

It-tikketta tal-"Fourme d'Ambert" tikkonsisti fl-isem tad-denominazzjoni miktub b'ittri b'dimensjonijiet ta' mill-inqas żewġ terzi ta' dawk tal-ittri l-aktar kbar li jinsabu fuq it-tikketta u s-simbolu DOP tal-Unjoni Ewropea.

Kull kelma kwalifikattiva miżjuda direttament mal-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini hija pprojbita, ħlief għall-marki tal-manifattura jew tal-kummerċ partikolari.

4. Deskrizzjoni fil-qosor tad-delimitazzjoni taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika tal-Fourme d'Ambert testendi għat-territorju li ġej:

Id-département ta' Puy-de-Dôme

Il-cantons ta' Ambert, Ardes, Arlanc, Besse-et-Saint-Anastaise, Bourg-Lastic, Courpière, Cunlhat, Herment, Manzat, Montaigut, Olliergues, Pionsat, Pontaumur, Pontgibaud, Rochefort-Montagne, Saint-Amant-Roche-Savine, Saint-Anthème, Saint-Dier-d'Auvergne, Saint-Germain-l'Herm, Saint-Gervais-d'Auvergne, Saint-Rémy-sur-Durolle, Tauves, Thiers, La Tour-d'Auvergne u Viverols: il-communes kollha.

Il-communes ta' Aydat, Bansat, Blot-l'Eglise, Bongheat, Chaméane, Champagnat-le-Jeune, Chanat-la-Mouteyre, Chanonat, La Chapelle-sur-Usson, Châteldon, Châtelguyon, Clémensat, Combronde, Courgoul, Cournols, Creste, Durtol, Egliseneuve-des-Liards, Enval, Esteil, Grandeyrolles, Isserteaux, Lachaux, Lisseuil, Ludesse, Manglieu, Mauzun, Menat, Montaigut-le-Blanc, Montmorin, Néronde-sur-Dore, Neuf-Eglise, Olloix, Orcines, Orléat, Paslières, Peschadoires, Peslières, Pignols, Pouzol, Puy-Guillaume, Ris, Romagnat, Saint-Etienne-sur-Usson, Saint-Floret, Saint-Gal-sur-Sioule, Saint-Genès-Champanelle, Saint-Genès-la-Tourette, Saint-Gervazy, Saint-Jean-en-Val, Saint-Jean-Saint-Gervais, Saint-Martin-d'Ollières, Saint-Nectaire, Saint-Pardoux, Saint-Quentin-sur-Sauxillanges, Saint-Rémy-de-Blot, Saint-Sandoux, Saint-Saturnin, Saint-Vincent, Sallèdes, Saulzet-le-Froid, Saurier, Sauxillanges, Sayat, Servant, Sugères, Teilhet, Tourzel-Ronzières, Valz-sous-Châteauneuf, Vernet-la-Varenne, Le Vernet-Sainte-Marguerite, Verrières, Vodable u Volvic.

Id-département ta' Cantal

Il-cantons ta' Allanche, Condat, Murat, Saint-Flour – Nord, Saint-Flour – Sud: il-communes kollha.

Id-département ta' Loire

Il-communes ta' Chalmazel, La Chamba, La Chambonie, Jeansagnière, Lérigneux, Roche, Saint-Bonnet-le-Courreau u Sauvain.

5. Rabta maż-żona ġeografika

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Fatturi naturali

Iż-żona ġeografika tal-"Fourme d'Ambert" tinsab f'żona muntanjuża u tinkludi:

— żona kkostitwita mill-"hautes chaumes" ta' Forez, fil-parti tal-quċċata tal-muntanji ta' Forez, fil-konfini tad-départements ta' Loire u ta' Puy-de-Dôme. L-"hautes chaumes", jikkonsistu f'meded ta' art vasti mneżżgħin u miżrugħa fuq sisien tal-granit u ċċirkondati minn art li xxeqleb b'foresti ta' siġar tar-raża. L-"hautes chaumes" huma misqija sew (xita annwali medja ta' aktar minn 1 000 mm) u soġġetti għal influwenza kontinentali u oċeanika (temperaturi medji annwali ta' inqas minn 10 °C).

— żona kkostitwita prinċipalment minn plateaux kristallini jew volkaniċi, iċċirkondati minn widien magħluqa, li minħabba l-altitudni jew il-preżenza ta' tlajja' weqfin għandhom ukoll karatteristiċi tal-muntanji, meta mqabbla mal-Limagnes, ta' altitudni baxxa u art witja, b'substrat fil-biċċa l-kbira tafli u tal-franka u klima aktar niexfa.

L-altitudni u l-klima b'ħafna xita jagħmlu ż-żona ġeografika post tajjeb biex jikber il-ħaxix.

Faturi umani

Il-produzzjoni tal-"Fourme d'Ambert" ċertament tmur lura għaż-żminijiet tal-Medjuevu, kif tixhed xbiha mnaqqxa fuq ġebla ta' kappella antika fewdali li tinsab fl-qalba tal-muntanji ta' Forez. L-"hautes chaumes" huma l-post fejn inbnew il-jasseries (binjiet tal-injam tal-alpi li jinsabu f'altitudni superjuri għal dik tal-ħabitat permanenti, jiġifieri aktar minn 1 200 m), li huma xiehda tal-attività ta' ragħa marbuta mal-produzzjoni antika tal-"Fourme d'Ambert". Sa nofs l-għoxrin seklu, din kienet issir fi ħdan organizzazzjoni ekonomika u soċjali ferm partikolari. Effettivament, merħliet ta' daqs modest kienu jittieħdu jirgħu fil-muntanji fix-xhur sħan, waqt li l-mergħat tal-villaġġ jinħasdu sabiex jiffurmaw l-għalf għall-istaġun tax-xitwa. In-nisa kienu esklużivament responsabbli biex jieħdu ħsieb l-annimali, jaħdmu l-ġobon u joqgħodu għassa mal-merħla, u kienu jgħixu għal parti mis-sena fil-muntanja waqt li l-irġiel kienu jibqgħu fil-villaġġ biex ikabbru u jaħsdu t-tiben. Matul il-proċess ta' manifattura tiegħu, il-ġobon kien jitpoġġa biex joskula wara li jitneħħa mill-forma fuq gandotti tal-injam tar-raża (zkuk tas-siġar maqtugħin min-nofs u svujtati) li jagħtu l-forma lill-ġobon.

Illum il-ġurnata l-bdiewa għadhom jużaw fil-biċċa l-kbira l-ħaxix għall-alimentazzjoni tal-baqar tal-ħalib. It-tekniki tal-produzzjoni evolvew wara l-iżvilupp tal-produzzjoni fl-għoxrin seklu, iżda d-drawwiet komuni għall-produtturi kollha u ċerta sengħa speċifika ġew ikkonservati. Illum il-ġurnata, il-produzzjoni tal-"Fourme d'Ambert" teħtieġ l-implimentazzjoni ta' snajja' speċifiċi. Il-baqta' titqatta' għad-daqs ta' "ħbub tal-qamħirrum" li mbagħad jitħawdu sabiex tifforma madwarhom rita rqiqa ferm li żżommhom milli jeħlu ma' xulxin waqt li jkunu qegħdin jieħdu l-forma. Qabel ma jitpoġġa fil-forma, jingħata l-ewwel skular fuq tapit sabiex il-baqta' tkun tista' tinfired minn parti tal-laktoserum mingħajr ma jitgħaffġu l-bċejjeċ żgħar. Wara li jitpoġġa fil-forma, l-iskular isir mingħajr pressa, billi jinqeleb, sabiex ikun jista' jitneħħa l-laktoserum waqt li jinżammu t-toqob maħluqa fil-ġobon fl-istadju preċedenti. It-tidwir jikkontribwixxi għall-finalizzazzjoni tal-iskular. Meta l-ġobon ikun laħaq forma stabbli biżżejjed, jew wara perjodu ta' mill-inqas erbat ijiem, isir it-tniggiż sabiex jinħolqu toqob minn fejn tista' tidħol l-arja, li jippermettu lill-ossiġnu li jippenetra fil-ġobon. Il-ġestjoni tat-temperatura u tal-umdità fil-fażi tal-maturazzjoni tippermetti li tinħoloq il-qoxra waqt li jiġi kkontrollat l-iżvilupp tal-*Penicillium roqueforti*.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-"Fourme d'Ambert" huwa ġobon tal-ħalib tal-baqra b'forma ċilindrika karatteristika, tawwali u wieqaf, b'tul ta' bejn 17 u 21 ċentimetru u dijametru ta' bejn 12,5 u 14-il ċentrimetru.

Il-polpa tiegħu għandha fetħiet b'vini mqassmin regolarment, minħabba l-iżvilupp tal-*Penicillium roqueforti*.

Il-kompożizzjoni tiegħu hija ratba u kremuża.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPODPO), jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-format tal-"Fourme d'Ambert" huwa marbut mal-organizzazzjoni ekonomika u soċjali li kienet stabbilixxiet ruħha storikament fiż-żona ġeografika, sabiex jittieħed vantaġġ mill-ambjent naturali favorevoli għall-ħaxix u għat-trobbija tal-ifrat.

Dan il-format effettivament kien adattat għall-merħliet ta' daqs żgħir u għall-ħidma tan-nisa li kienu jipproduċu l-ġobon: kien jeħtieġ ftit ħalib u jippermetti manipulazzjoni faċli. Il-forma karatteristika tal-"Fourme d'Ambert", tawwalija u wieqfa, kienet partkolarment adattata għall-iskular fil-gandotti tal-injam tar-raża użati f'dawk iż-żminijiet.

Il-vinitura mqassma regolarment fil-polpa tal-"Fourme d'Ambert" hija marbuta mal-għarfien implimentat matul il-produzzjoni tiegħu. Effettivament, id-daqs tal-biċċiet tal-baqta', assoċjati mat-tħawwid, jiddetermina l-koeżjoni tal-polpa u jiffavorixxi l-ftuħ ta' toqbiet, li huma meħtieġa għall-iżvilupp tal-*Penicillium roqueforti*. Dan l-iżvilupp huwa megħjun mill-implimentazzjoni tal-ewwel skular fuq tapit segwit bi skular mingħajr ippressar, permezz ta' qlib u bl-intervent tal-ossiġnu permezz tat-tniggiż. Huwa jissoda matul il-maturazzjoni.

Il-kompożizzjoni ratba u kremuża tal-"Fourme d'Ambert" tinkiseb b'mod partikolari bis-saħħa tan-nuqqas ta' tfarrik u skular, tmelliħ u maturazzjoni adattati.

Bħala l-frott ta' ambjent, mod ta' ħajja u tekniki tal-produzzjoni tal-ġobon partikolari, il-"Fourme d'Ambert" b'hekk huwa l-espressjoni ta' komunità umana f'ambjent naturali semi-muntanjuż.

Referenża għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet

(l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCFourmeDAmbert.pdf

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1208/2013

tal-25 ta' Novembru 2013

li japprova emenda minuri fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Prosciutto di Parma (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ([1]), u partikolarment it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Prosciutto di Parma", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet tal-oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ([2]).

(2) It-talba għandha l-għan li temenda l-Ispeċifikazzjoni kif ġej.

(3) B'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet nutrizzjonali li issa ġew ikkonfermati mill-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-valur medju massimu għall-kriterju tal-melħ naqas minn 6,9 % għal 6,2 % u l-valur medju minimu naqas minn 4,5 % għal 4,2 %.

(4) Fir-rigward tal-ittikkettar tal-"Prosciutto di Parma" mqatta' u ppakkjat, ġie inkluż ir-rekwiżit li taħt is-simbolu tal-konsorzju jiddaħħal l-akronimu tal-kumpanija tal-ippakkjar/tat-tqattigħ minflok dak tal-produttur. Barra minn hekk, sar obbligatorju li fuq l-imballaġġ tal-"Prosciutto di Parma" mqatta' u ppakkjat ikun hemm l-isem tal-produttur, jew fi kwalunkwe każ, l-isem tal-persuna li hi rreġistrata fis-sistema ta' monitoraġġ tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini u li hija soġġetta għall-proċeduri kollha ta' monitoraġġ u ta' ċertifikazzjoni stipulati minn dik is-sistema. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fid-Dokument Uniku dwar ir-rappreżentazzjoni grafika murija fuq l-imballaġġ ġew sostitwiti minn formulazzjoni inqas iddettaljata.

(5) It-tabella li turi l-perjodu minimu ta' konservabilità tal-kategoriji differenti tal-prodotti u d-diversi tipi ta' teknoloġija tal-imballaġġ tal-"Prosciutto di Parma" mqatta' u ppakkjat, ġiet emendata b'konformità mar-riżultati ta' għadd ta' studji riċenti dwar din il-kwistjoni.

(6) Ġiet introdotta kjarfika biex tidentifika mingħajr l-ebda ambigwità l-kategoriji tas-saqajn tal-ħnieżer li jistgħu jintużaw biex isir il-prodott, billi mal-kliem li jintuża attwalment "kategoriji ewlenin tal-klassifika KEE" żdiedet l-informazzjoni speċifika li dan jirrigwarda s-saqajn li jaqgħu taħt il-kategoriji bl-ittri "U", "R", u "O".

(7) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġġustifikata. Billi din hija emenda żgħira skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura mogħtija fl-Artikoli 50 sa 52 ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Prosciutto di Parma" hija b'dan emendata skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-Dokument Uniku kkonsolidat li jinkludi l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni jinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fl-Ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini “Prosciutto di Parma”, hija approvata l-emenda li ġejja:

TALBA GĦAL EMENDA

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1])

TALBA GĦAL EMENDA SKONT L-ARTIKOLU 9

“PROSCIUTTO DI PARMA”

Nru tal-KE: IT-DPO-0317-01028-9.8.2012

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Intestatura tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda**

— Deskrizzjoni tal-prodott

— Metodu ta’ produzzjoni

— Tikkettar

2. **Tip ta’ emenda/emendi**

— Emenda tad-Dokument Uniku jew tas-Sommarju

3. **Emenda/i**

Is-sommarju tal-emendi li saru lid-Dokument Uniku u lit-test tal-Ispeċifikazzjoni huwa dan li ġej.

L-ewwel emenda tikkonċerna l-Parti B tal-Ispeċifikazzjoni u l-punt 5.2. tad-Dokument Uniku; Tirrelata mal-kriterji tal-umdità u tal-melħ li jikkaratterizzaw il-prodott. B’mod ġenerali, l-istandard ġie ssimplifikat sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu. L-emenda sostantiva tikkonċerna t-tnaqqis tal-valuri medji minimi u dawk massimi għall-kriterju tal-melħ. Il-valur massimu għal dan il-kriterju naqas minn 6,9 % għal 6,2 % u l-valur minimu naqas minn 4,5 % għal 4,2 %, sabiex jinkiseb valur medju għall-melħ fil-prodott li jkun konsiderevolment aktar baxx mill-valuri preċedenti. Ittieħdet din id-deċiżjoni wara indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li issa ġew ikkonfermati mill-kwartieri ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

It-tieni emenda wkoll tirrelata mal-Parti B (l-aħħar punt fuq it-tikkettar) kif ukoll mal-Parti H tal-ispeċifikazzjoni u mal-punt 3.7 tad-Dokument Uniku; tikkonċerna t-tikkettar tal-“Prosciutto di Parma” mqatta’ u ppakkjat. B’mod partikolari, id-dispożizzjonijiet speċifiċi stipulati fit-test ġew sostitwiti bi kliem aktar ġeneriku li ma jinkludix rekwiżiti tekniċi. Din l-emenda għandha l-għan li tissimplifika emendi sussegwenti possibbli relatati mal-preżentazzjoni grafika tal-imballaġġ ikkonċernat fis-sens li jkun aktar faċli li jsiru emendi, f’dan il-każ, lill-ispeċifikazzjoni biss, jew lil wieħed mill-annessi tagħha (il-linja gwida msemmija) minflok ma jiġu emendati dawn id-dokumenti u d-Dokument Uniku fl-istess waqt.

It-tielet emenda tirrelata mal-Parti H tal-Ispeċifikazzjoni, imma mhux mad-Dokument Uniku. Tikkonċerna wkoll ir-rappreżentazzjoni grafika murija fl-imballaġġ tal-“Prosciutto di Parma” mqatta’ u ppakkjat. Sabiex ikun hemm aktar trasparenza kummerċjali, ġie wkoll stipulat b’mod partikolari li taħt il-kuruna dukali għandu jiddaħħal l-akronimu tal-kumpanija tal-ippakkjar/tat-tqattigħ minflok dak tal-produttur. Il-kumpanija tal-ippakkjar/tat-tqattigħ hija fil-fatt l-aħħar operatur involut fil-produzzjoni tal-prodott qabel ma dan jitqiegħed fis-suq u hija prinċipalment responsabbli fejn jidħlu l-konsumaturi. Ir-regoli dwar it-tikkettar fil-fatt jistipulaw li l-kwartieri ġenerali tal-kumpanija tal-imballaġġ għandhom jitniżżlu fuq it-tikketta. Għal raġunijiet ta’ konsistenza, maġenb din l-informazzjoni għandu jkun hemm l-akronimu alfanumeriku li jidentifika lil dan il-produttur fi ħdan is-settur protett mid-DPO “Prosciutto di Parma”.

L-emendi sussegwenti, li jirrelataw mal-Artikoli 13 u 14 tal-linja gwida dwar it-tqattigħ tal-“Prosciutto di Parma”, huma marbuta mill-qrib mal-emenda preċedenti. L-għan ta’ dawn l-emendi huwa li ssir obbligatorja li fuq l-imballaġġ tal-“Prosciutto di Parma” mqatta’ u ppakkjat, jiżdied l-isem tal-produttur jew tal-kumpanija tal-imballaġġ li huma rreġistrati fis-sistema ta’ monitoraġġ tad-DPO u li huma soġġetti għall-proċeduri kollha ta’ monitoraġġ u ta’ ċertifikazzjoni stipulati mis-sistema li tirregola d-DPO “Prosciutto di Parma”. Sabiex isir dan, l-Artikolu 13 eżistenti ġie ssupplimentat u żdied l-Artikolu 14,

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

Ir-raġunijiet għal din l-emenda huma kif ġej. Il-verżjoni tal-Ispeċifikazzjoni soġġetta għat-talba ta' emenda ma tipprevedix bħala rekwiżit li fuq it-tikketta jew l-imballaġġ tal-prodott irid ikun hemm l-isem tal-produttur jew tal-kumpanija tal-imballaġġ, u b'hekk tħalli l-possibbiltà, prevista fir-regoli nazzjonali u f'dawk tal-UE, li jiġi indikat biss l-isem tal-persuna li tiddistribwixxi jew tikkummerċjalizza l-prodott. Din tal-aħħar hija b'mod ċar mhux involuta fi kwalunkwe attività relatata mal-produzzjoni, il-monitoraġġ u l-imballaġġ tal-prodott jew mal-verifiki li jsiru mill-korp ta' ċertifikazzjoni tad-DPO "Prosciutto di Parma".

Sabiex ikun hemm konformità mal-idea ġenerali u ma' għadd ta' prinċipji ġodda stabbiliti permezz tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 *et seq*., ġie deċiż, b'mod antiċipatorju peress li r-Regolament għadu ma daħalx fis-seħħ definittivament, li jiġi identifikat "operatur tan-negozju tal-ikel responsabbli mill-informazzjoni dwar l-ikel" (rwol previst b'mod ċar fir-Regolament imsemmi hawn fuq) li jkun jista' verament jiggarantixxi li l-"Prosciutto di Parma" jikkonforma ma' dak li hemm miktub fuq it-tikketta. Huma biss il-produtturi li għamlu u vverifikaw il-prodotti u l-kumpaniji li qattgħu u ppakkjaw il-prodotti li jistgħu jipprovdu din il-garanzija, peress li huwa magħruf li t-tqattigħ u l-ippakkjar huma operazzjoni waħda indiviżibbli, u li għaldaqstant il-kumpanija tal-ippakkjar hija wkoll il-kumpanija tat-tqattigħ. Dawn iż-żewġ operaturi jistgħu jipprovdu garanzija sostantiva f'dak li jirrigwarda l-informazzjoni mogħtija fuq il-prodott u, għaldaqstant, huma jistgħu jiġu kkunsidrati leġittimament bħala "l-persuni responsabbli" fejn jidħlu l-konsumaturi. F'dan ir-rigward, l-inklużjoni obbligatorja fuq it-tikketta tal-isem tal-produttur biss tista' tkun diskriminatorja u mhux ġustifikata f'dak li jikkonċerna r-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-emenda.

Barra minn hekk, din l-emenda għandha l-għan li tidentifika biss lill-persuni rreġistrati fis-sistema ta' monitoraġġ uffiċjali tal-korp ta' ċertifikazzjoni tad-DPO "Prosciutto di Parma" bħala l-persuni responsabbli mill-informazzjoni relatata mal-prodott. F'dan ir-rigward, lill-produtturi u lill-kumpaniji tal-ippakkjar/tat-tqattigħ ta' spiss isirulhom verifiki mill-awtoritajiet rilevanti; hawnhekk ukoll, kieku kellu jintgħażel biss wieħed minnhom, dan imur kontra r-raġunijiet spjegati hawn fuq.

Għal dawn ir-raġunijiet, aħna nqisu li hemm bżonn li jkun hemm il-possibbiltà doppja li jintwera l-isem tal-produttur jew dak tal-kumpanija tal-ippakkjar/tat-tqattigħ.

Barra minn hekk, l-inklużjoni tal-isem kummerċjali sħiħ tal-kumpanija (li jissostitwixxi l-użu ta' akronomi alfanumeriċi u ta' kodiċi) fuq l-imballaġġ ittejjeb is-sistema tat-traċċabilità tal-prodott, it-trasparenza tagħha u tagħmel lis-sistema aktar aċċessibbli, anke għal konsumatur li ma jkollux ħafna informazzjoni.

Meta l-isem tal-kumpanija tal-ippakkjar/tat-tqattigħ jidher taħt it-trijangolu iswed, il-produttur jista' jżid ukoll, maġenb l-informazzjoni l-oħra murija fuq it-tikketta u fuq l-imballaġġ, il-marka tiegħu u l-isem kummerċjali tal-kumpanija.

B'mod aktar ġenerali, l-għan ewlieni taż-żieda tal-isem kummerċjali tal-operaturi msemmija hawn fuq, fuq il-parti ta' quddiem tal-imballaġġ huwa li l-konsumaturi jkollhom il-garanzija li l-prodott "Prosciutto di Parma" jikkonforma mal-informazzjoni li hemm fuq it-tikketta tiegħu, u din hija r-responsabbiltà tal-operaturi li jiġu mmonitorjati mill-korp ta' ċertifikazzjoni. L-emenda għandha l-għan li tiżgura li l-informazzjoni fuq l-ippakkjar tal-prodott tkun kemm jista' jkun trasparenti, esklussivament għall-benefiċċju tal-konsumaturi meta dawn jixtru l-prodott.

Emenda sussegwenti tirrelata wkoll mal-linja gwida dwar it-tqattigħ u tikkonċerna l-analiżi, ir-razzjonalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-Artikolu 12 ta' dik il-linja gwida li tistipula standards dwar il-perjodu minimu ta' konservabilità tal-"Prosciutto di Parma" mqatta' u ppakkjat. Abbażi tar-riżultati ta' għadd ta' studji riċenti dwar dan, ġie meqjus xieraq li ssir reviżjoni tat-tabella li tistipula l-iskadenzi għall-kategoriji differenti tal-prodotti u d-diversi tipi ta' teknoloġija tal-imballaġġ.

L-aħħar emenda tikkonċerna l-Parti C tal-ispeċifikazzjoni, u b'mod aktar partikolari, it-taqsima li tinkludi d-dispożizzjonijiet dwar it-trobbija tal-ħnieżer li se jintużaw għall-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma". Id-definizzjoni tat-tekniki tat-trobbija tispeċifika li dawn "għandhom l-għan li jiksbu ħnieżer tqal, objettiv li għandu jinkiseb billi tiġi żgurata żieda moderata fil-piż kuljum, u li jipproduċu karkassi li jaqgħu fil-kategoriji ewlenin tal-klassifika KEE". Ir-regoli Taljani, minbarra li jagħmlu differenza bejn il-ħnieżer tqal (H) u l-ħnieżer ħfief (L), jistipulaw ukoll, b'konformità mar-regoli tal-Unjoni, skala għall-klassifika maqsuma f'kategoriji rrappreżentati mill-ittri li ġejjin: EUROP. Minkejja n-nuqqas ta' referenza espliċita għall-ittri fit-test ikkwotat, xorta waħda jidher ċar mid-dispożizzjoni li l-"Prosciutto di Parma" jista' jsir esklussivament mis-saqajn tal-ħnieżer tqal (H) li jagħmlu parti mill-kategoriji ewlenin tal-iskala Komunitarja, jiġifieri dawk li jaqgħu taħt il-kategoriji bl-ittri "U", "R" u "O", peress li l-karkassi bl-ittri "E" u "P" huma esklużi. Din id-distinzjoni, li ssir matul it-tfassil tal-ispeċifikazzjoni, hija ggwidata mill-konvinzjoni li l-karatteristiċi tas-saqajn tal-karkassi ċċertifikati li jaqgħu taħt il-kategoriji "E" u "P" mhumiex kompatibbli mar-rekwiżiti tal-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma".

([1]) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

Attwalment għaddejja diskussjoni fil-livell tal-Unjoni dwar l-inklużjoni tal-kategorija bl-ittra "S" fl-iskala EUROP imsemmija hawn fuq. L-istadju avvanzat li ntlaħaq fil-proċess leġiżlattiv kważi jikkonferma li l-iskala Komunitarja tista' ssir dalwaqt SEUROP, u dan ikollu konsegwenzi diretti għall-Italja, fejn il-klassifika tikkonċerna kemm il-ħnieżer tqal kif ukoll dawk ħfief.

Din l-innovazzjoni tista' twassal għal diffikultajiet kbar fir-rigward tal-interpretazzjoni tar-regoli kkonċernati inklużi fl-ispeċifikazzjoni; għaldaqstant ikun diffiċli li jiġu ddeterminati l-"kategoriji ewlenin tal-klassifika" u jkun hemm ir-riskju li jiġi awtorizzat l-użu ta' materja prima inadegwata jew li tiġi eskluża materja prima li hija perfettament konformi mal-karatteristiċi tal-"Prosciutto di Parma". Tabilħaqq, minħabba l-preżentazzjoni l-ġdida tal-iskala, il-kategoriji ewlenin tagħha jistgħu jiġu rrappreżentati minn kategoriji bl-ittri "E", "U", "R" u "O" jew minn dawk li għandhom biss l-ittri "U" u "R". Fl-ewwel każ, is-saqajn tal-ħnieżer bl-ittra "E" jiżdiedu mal-kategoriji ewlenin, u dan iżid ir-riskju ta' użu ta' materja prima inadegwata għall-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma". Fi-tieni każ, is-saqajn bl-ittra "O" jiġu esklużi, minkejja li jkollhom l-aħjar karatteristiċi.

Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq u sabiex jiġu evitati dawn l-inċertezzi dwar l-interpretazzjoni, ikun tajjeb li jiġi ċċarat il-kliem li jintuża attwalment fil-Parti C tal-Ispeċifikazzjoni "kategoriji ewlenin tal-klassifika KEE" billi jiġi indikat li dawn il-kategoriji ewlenin jikkonċernaw il-karkassi bl-ittri "U", "R" u "O".

ANNESS II

DOKUMENT UNIKU KKONSOLIDAT

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1])

"PROSCIUTTO DI PARMA"

Nru tal-KE: IT-DPO-0317-01028-9.8.2012

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Isem**

"Prosciutto di Parma"

2. **Stat Membru**

L-Italja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.2: Prodotti tal-laħam (imsajrin, immellħin, affumikati, eċċ.)

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem fil-punt 1:*

Perżut nej immaturat; li jiġi identifikat permezz ta' marka maħruqa fuq il-ġilda, bil-forma ta' barra konvessa, mingħajr il-parti tat-tarf (is-sieq), mingħajr imperfezzjonijiet esterni li jistgħu jkerrhu d-dehra tal-prodott, b'limitazzjoni tal-parti muskolari li tinsab lil hinn mir-ras tal-wirk (il-ġewża), xi 6 cm (qatgħat qosra); Piż: normalment ta' bejn tmien u għaxar kilogrammi li ma jkun qatt taħt is-seba' kilogrammi; Kulur meta imqatta': uniformi, bejn roża u aħmar, maqtugħ mill-abjad tal-partijiet tax-xaħam; Aroma u togħma: laħam b'togħma delikata u ħelwa, ftit mielħa, b'aroma tipika tfuħ; Ikkaratterizzat mill-konformità ta' kriterji ta' analiżi preċiżi (umdità, melħ, proteolasi); Wara l-ħruq tal-marka, il-"Prosciutto di Parma" jista' jinħareġ għall-konsum sħiħ, bla għadam, f'biċċiet ta' forma u piż differenti jew folji skont il-pakkett rilevanti.

3.3. *Materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

Il-materja prima (saqajn friski) użata għall-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma" hija kkaratterizzata mill-elementi li ġejjin: il-konsistenza tax-xaħam hija evalwata billi jinstab l-indiċi ta' jodju u/jew l-kontenut ta' aċidu linoleiku fuq ix-xaħam ta' ġewwa u ta' barra li jinsab fix-xaħam ta' taħt il-ġilda. Kull kampjun għandu jkollu indiċi massimu 70 ta' jodju u l-kontenut ta' aċidu linoleiku m'għandux ikun iktar minn 15 %; il-ħxuna tax-xaħam tal-parti ta' barra tas-saqajn friski mirquma, imkejla vertikalment mir-ras tal-wirk ("taħt il-ġewża") għandha tkun madwar 20 mm għal saqajn friski użati għall-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma" ta' piz bejn7 u 9 kilogrammi, u madwar 30 mm għal saqajn friski mirquma użati għall-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma" b'piż ta' iktar minn 9 kilogrammi. Fi kwalunkwe każ, il-ħxuna tax-xaħam ma għandiex tkun inqas minn 15-il mm u sa 20 mm fiż-żewġ kategoriji ta' saqajn friski, bil-ġilda inkluża. Il-"parti ta' fuq" trid tgħatti biżżejjed biex tevita li l-ġilda tal-faxxa muskolari tal-bażi tinqala'. Il-piż tas-saqajn friski mqatta' preferibbilment għandhom ikunu ta' piż bejn 12 u 14-il kilogramma, u, fl-ebda każ ma jistgħu ikunu inqas minn 10 kilogrammi.

3.4. *Għalf (għall-prodotti li ġejjin mill-annimali biss)*

L-għalf awtorizzat, il-kwantitajiet u l-mod ta' kif jintuża huma inklużi fiż-żewġ tabelli, l-ewwel waħda dwar l-għalf awtorizzat sa 80 kg tal-piż ħaj u t-tieni waħda dwar l-għalf awtorizzat waqt il-fażi tat-tismin. L-għalf għandu jingħata, preferibbilment, f'forma likwida (togħlija jew tgħasida), u tradizzjonalment, bix-xorrox tal-ħalib.

Wara l-ewwel fażi, il-parti tal-materja niexfa ta' ċerjali, m'għandiex tkun inqas minn 45 % tal-materja totali u l-għalf aċċettat, minbarra dak preskritt għat-tieni fażi, huwa dan li ġej: smid tal-gluten tal-qamħirrun u/jew għalf tal-gluten tal-qamħirrun (corn gluten feed), ħarrub mingħajr il-qalba, smida magħmula mill-ħut, smida magħmula minn estratt tas-soja, fdal tad-distillazzjoni, xorrox, lipidi li jinħallu f'temperatura ogħla minn 36 °C, lisati tal-proteina, qamħirrun preservat.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

Waqt it-tieni fażi, dik tat-tismin, il-parti tal-materja niexfa ta' ċerjali, m'għandiex tkun inqas minn 55 % tal-materja totali u l-għalf aċċettat, minbarra dak preskritt, huwa dan li ġej: qamħirrun, tgħafiġa ta' żrieragħ u/jew żbul tal-qamħirrun, sorgu, xgħir, qamħ, triticale, ħafur, ċereali minuri, nuħħala u prodotti pproċessati oħrajn magħmula mill-qamħ, patata mnixxfa, polpa tal-pitravi issuppressata u maħżuna, smida tal-kittien, polpa eżawrita u mnixxfa tal-pitravi, tuffieħ u lanġas magħsur, qoxra tal-għeneb u t-tadam bħala aġenti tat-transitu intestinali, xorrox tal-ħalib, xorrox, smida alfalfa mnixxfa, smida tal-estratt tas-soja, tal-ġirasol, tal-ġunġlien, tal-ġewż tal-Indi, taż-żrieragħ tal-qamħirrum, tal-piżelli u/jew żrieragħ oħra tal-legumi, tal-ħmira u tat-torula u oħrajn, lipidi li jinħallu f'temperatura ogħla minn 40 °C.

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-proċeduri tal-produzzjoni u tal-maturazzjoni għandhom isiru fiż-żona ġeografika ddefinita tal-produzzjoni kif speċifikat fil-punt 4 sabiex tiġi garantita l-kwalità, it-traċċabilità u l-kontroll tal-prodott.

3.6. *Regoli speċifiċi għat-tqattigħ, għat-taħkik, għall-ippakkjar, eċċ:*

Wara l-ħruq tal-marka, il-"Prosciutto di Parma" jista' jinħareġ għall-konsum sħiħ, bla għadam, f'biċċiet ta' forma u piż differenti jew folji skont il-pakkett rilevanti; fil-każ tal-aħħar, il-proċedura tat-tqattigħ u l-ippakkjar għandha ssir b'mod esklussiv fiż-żona ġeografika speċifika tal-produzzjoni msemmija fl-ewwel inċiż tal-punt 4 li ġej, il-marka distinta tad-DPO fuq quddiem għandha tkun mwaħħla b'mod li ma tinqalax u li tinqara fuq il-prodott, skont ir-regoli ddettaljati fil-punt 3.7 li ġej, sabiex jiġu ggarantiti l-karatteristiċi kwalitativi tipiċi tal-"Prosciutto di Parma" u t-traċċabilità u l-kontroll tal-prodott.

3.7. *Ir-regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

L-ewwel element ta' rikonoxximent tal-"Prosciutto di Parma", li, anki jekk mhuwiex parti mit-tikketta, jiddistingwih minn prodotti oħra, huwa l-"kuruna dukali" (marka maħruqa li turi kuruna b'ħames ponot flimkien mat-toponimu "Parma"). Din għandha funzjoni doppja: tiddistingwi l-prodott minn perżut nej ieħor filwaqt li tiggarantixxi l-awtentiċità (marka ta' identifikazzjoni), u tiggarantixxi li l-prodott stess għadda mil-fażijiet kollha tal-produzzjoni previsti u li kull waħda minn dawn il-fażijiet ġiet identifikata mill-operaturi kkonċernati. L-użu leġittimu u legali tad-denominazzjoni tal-oriġini huwa soġġett għall-preżenza tal-marka: Mingħajr il-"kuruna dukali", id-denominazzjoni kkonċernata ma tistax tiġi użata biex tiddeskrivi prodott la fuq it-tikketta u lanqas fuq l-imballaġġ, u lanqas fuq id-dokumenti tal-bejgħ jew fil-ħin tat-tranżazzjoni kummerċjali (sħiħa, f'biċċiet u ppakkjat jew bejgħ bl-imnut f'porzjonijiet).

Dwar l-elementi li jikkaratterizzaw it-tikkettar tal-"Prosciutto di Parma", id-dettalji li għandhom jidhru huma li dawn ġejjin:

— Għall-"Prosciutto di Parma" sħiħ bl-għadma:

  — "Prosciutto di Parma" segwita minn "denominazione di origine protetta" (denominazzjoni protetta tal-oriġini);

  — il-kwartieri ġenerali tal-istabbiliment ta' produzzjoni,

— Għall-"Prosciutto di Parma" ppakkjat, sħiħ, mingħajr l-għadma jew biċċiet:

  — "Prosciutto di Parma" segwita minn "denominazione di origine protetta" (denominazzjoni protetta tal-oriġini);

  — il-kwartieri ġenerali tal-istabbiliment tal-ippakkjar;

  — Id-data tal-produzzjoni fil-każ fejn it-timbru jidher l-iktar;

— għall-"Prosciutto di Parma" mqatta' u ppakkjat:

  — l-imballaġġi għandhom parti komuni li tinsab fit-tarf tax-xellug tan-naħa ta' fuq, li fuqha hemm tikketta sekondarja tal-"kuruna dukali" u l-kliem:

    — "Prosciutto di Parma denominazione di origine protetta ai sensi della legge 13 Febbraio 1990, n.26 et del REG. (KE) Nru 1107/96" ("Prosciutto di Parma" denominazzjoni protetta tal-oriġini b'konformità mal-liġi Nru 26 tat-13 ta' Frar 1990 u mar-Regolament (KE) Nru 1107/96);

    — "confezionato sotto il controllo dell'Organismo autorizzato" (ippakkjat taħt il-kontroll tal-organizzazzjoni rikonoxxuta);

  — il-kwartieri ġenerali tal-istabbiliment tal-ippakkjar,

  — id-data tal-produzzjoni (id-data tal-bidu tal-maturazzjoni indikata fuq it-timbru).

Huwa pprojbit li jintuża kliem bħal "classico" (klassiku), "autentico" (awtentiku), "*extra*", "super" jew kwalunkwe kwalifika, attribut jew dettall miżjuda mad-denominazzjoni tal-bejgħ, ħlief il-kliem "disossato" (mingħajr għadam) u "affettato" (mqatta').

4. **Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika**

L-elaborazzjoni tal-"Prosciutto di Parma" ssir fiż-żona ddefinita tal-provinċja ta' Parma, li tinkludi t-territorju tal-provinċja ta' Parma (ir-reġjun Emilia-Romagna – l-Italja) fin-Nofsinhar tal-Via Emilia, f'distanza minima ta' 5 kilometri minn din tal-aħħar, sa altitudini massima ta' 900 m, sar-rotta tax-xmara Enza fil-Lvant u sar rotta tax-xmara Stirone fil-Punent.

Il-materja prima tiġi minn żona ġeografika akbar miż-żona tal-ipproċessar, li tinkludi territorju amministrattiv tar-reġjuni li ġejjin: Emilia-Romagna, Veneto, Lombardia, Piemonte, Molise, Umbria, Toscana, Marche, Abruzzo, Lazio (l-Italja).

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Il-karatteristiċi partikulari tal-"Prosciutto di Parma" u l-garanzija ta' ħarsien tan-normi tal-kwalità tal-iġene u ta' sikurezza tal-ikel stretti, huma kollha magħqudin mal-kundizzjonijiet ambjentali u mal-fatturi naturali u umani. Fil-makrożona ġeografika stabbilita, xi żoni rari u ristretti biss għandhom kundizzjonijiet uniki u li ma jistgħux jiġu imitati u xi kompetenzi umani, ġew żviluppati billi din hija żona tal-produzzjoni tal-perżut tad-denominazzjoni. Iż-żona tal-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma", parti żgħira tal-provinċja, tirrappreżenta waħda minn dawn iż-żoni ristretti. Din il-mikrożona hija kkaratterizzata minn kundizzjonijiet ekoloġiċi, klimatiċi u ambjentali uniki minħabba l-azzjoni tal-arja tal-baħar mill-Versilia, li tħalli ċertu ħlewwa wara l-mogħdija tagħha bejn is-siġar taż-żebbuġ u tal-arznu tal-wied tal-Magra, u twarrab l-umdità fuq l-għoljiet tal-Appennini, filwaqt li titqawwa r-riħa tal-qastan, tnixxef il-"Prosciutti di Parma" u ttihom ħlewwa unika.

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-"Prosciutto di Parma" huwa perżut nej, li jitħalla jimmatura għal perjodu minimu ta' 12-il xahar; l-uniċi ingredjenti li jistgħu jintużaw huma l-majjal u l-melħ. Il-prodott finali huwa bil-forma ta' barra konvessa, mingħajr il-parti tat-tarf (is-sieq), b'limitazzjoni tal-parti muskolari li tinsab lilhinn mir-ras tal-wirk (il-ġewża), xi massimu ta' 6 cm (qatgħat qosra). Il-prodott immaturat għandu piż ta' bejn tmien u għaxar kilogrammi u qatt ma jkun inqas minn seba' kilogrammi. Il-kulur meta mqatta' huwa uniformi, bejn roża u aħmar, maqtugħ mill-abjad tal-partijiet tax-xaħam. Il-laħam għandu togħma delikata u ħelwa, ftit li xejn mielħa, b'aroma tipika tfuħ. Fl-analiżi, il-prodott għandu kriterji preċiżi ta' umdità (bejn 59 % u 63,5 %), ta' melħ (bejn 4,2 % u 6,2 %), u ta' proteolasi (bejn 24 et 31 %).

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra speċifiċi tal-prodott (għall-IĠP)*

Il-kriterji ta' produzzjoni li jippermettu l-allokazzjoni tad-denominazzjoni tal-oriġini "Prosciutto di Parma" kollha jiddependu fuq il-kundizzjonijiet ambjentali u l-fatturi naturali u umani. Hemm rabta mill-qrib bejn il-materja prima u l-"Prosciutto di Parma" li, flimkien mal-evoluzzjoni tal-produzzjoni u l-evoluzzjoni soċjoekonomika taż-żona ġeografika, għandhom jiddeskrivu l-karatteristiċi uniċi. Il-karatteristiċi tal-materjal huma kompletament speċifiċi għal makrożona definita tal-Italja ċentrali u tat-tramuntana (kif speċifikat fit-tieni paragrafu tal-punt 4), minn żminijiet l-Etruska sa llum.

L-evoluzzjoni tat-trobbija tal-ħnieżer tqal, li jinqatlu ta' età kbira, tħalli marka fil-fażijiet tat-trobbija tal-ħnieżer. Tibda bir-razez indiġeni u lokali, u tiżviluppa ruħha fil-funzjoni tal-kundizzjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi, mal-kultivazzjoni taċ-ċereali b'mod partikulari u l-ipproċessar tal-ħalib li jikkaratterizza s-sistemi tal-ikel, sabiex b'mod progressiv u naturali ssir produzzjoni sħiħa għaliha ta' prodott li juża din id-denominazzjoni. Fil-makrożona ġeografika definita, hemm żona ristretta li, fil-funzjonijiet tal-kundizzjonijiet ambjentali uniċi u li ma jistgħux jiġu imitati u tal-kompetenzi umani partikolari, ġiet żviluppata bħala żona tal-produzzjoni tal-"Prosciutto di Parma". Din iż-żona definita hija rrappreżentata minn parti żgħira tal-provinċja ta' Parma. Minħabba l-pożizzjoni tagħha, din il-mikrożona hija kkaratterizzata minn kundizzjonijiet ekoloġiċi, klimatiċi u ambjentali uniki minħabba l-azzjoni tal-arja tal-baħar mill-Versilia, li tħalli ċertu ħlewwa wara l-mogħdija tagħha bejn is-siġar taż-żebbuġ u tal-arznu tal-wied tal-Magra, u twarrab l-umdità fuq l-għoljiet tal-Appennini, filwat li titqawwa ir-riħa tal-qastan, tnixxef il-"Prosciutti di Parma" ittihom ħlewwa unika.

Parma tinsab fil-qalba tat-territorju antik tal-Galja lil hinn mill-Alpi fejn in-nies tagħha jrabbu merħliet kbar ta' ħnieżer u huma esperti b'mod partikulari fil-produzzjoni ta' prieżet melħin.

Meta wieħed imur lura fiż-żminijiet, wieħed isib sorsi diversi ta' kitba li jirreferu għal perżut u kif isir, b'mod notevoli fil-listi tal-kamra tal-kummerċ tal-1913, li jsemmu ir-reġjun propju tal-produzzjoni. L-ewwel fażi li hija purament artiġjanali evolviet sa llum lejn proċedura ta' industrijalizzazzjoni li xorta żammet b'mod sħiħ il-karatteristiċi tradizzjonali tal-prodott.

L-oriġini tal-prodott huwa ddokumentat mill-perspettiva storika, kif ukoll iż-żona tal-oriġini tal-materja prima, il-proċedura li hija l-frott tal-evoluzzjoni tal-kultivazzjoni rurali tipika u komuni għal kull makroreġjuni mniżżla qabel, li kkonċentrat ruħha f'parti tal-provinċja ta' Parma minħabba l-kundizzjonijiet makroklimatiċi u ambjentali li ma jistgħux jiġu imitati.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott (Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

Din l-Amministrazzjoni bdiet il-proċedura nazzjonali ta' oġġezzjoni, imsemmija fl-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, billi ppubblikat it-talba għall-emenda tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Prosciutto di Parma" fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana, Nru 154, 4.7.2012.

It-test sħiħ tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott jinsab fuq is-sit tal-Internet:

http://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3335

Jew

billi tmur direttament għall-paġna ewlenija tal-Ministeru għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Foresterija (www.politicheagricole.it) u tagħfas fuq "Qualità e sicurezza" (fil-kantuniera tal-iskrin) imbagħad fuq "Disciplinari di Produzione all'esame dell'UE".

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1209/2013

tal-25 ta' Novembru 2013

li japprova modifika mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Camembert de Normandie (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel linja tal-Artikolu 53(1) tar-regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' modifika fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Camembert de Normandie", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 [2].

(2) Billi l-modifika kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi [3].

(3) Billi ma ġiet innotifikata ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda għandha tkun approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-modifika fl-ispeċifikazzjonijiet, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOŞ
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 343, 14.12 2012, p. 1.
[2] ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
[3] ĠU C 140, 18.5.2013, p. 20.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.3. Ġobnijiet

FRANZA

Camembert de Normandie (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1210/2013

tal-25 ta' Novembru 2013

li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Melocotón de Calanda (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Spanja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Melocotón de Calanda", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2446/2000 ([2]).

(2) Billi l-modifika kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif stipulat fl-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi ([3]).

(3) Billi l-Kummissjoni ma ġiet innotifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tal-istess Regolament, l-emenda għall-Ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-modifika fl-ispeċifikazzjonijiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna d-denominazzjoni mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament, hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 343, 14.12 2012, p. 1.
([2]) ĠU L 281, 7.11.2000, p. 12.
([3]) ĠU C 179, 25.6.2013, p. 19.

ANNESS

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

SPANJA

Melocotón de Calanda (DPO)

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1211/2013

tal-25 ta' Novembru 2013

li japprova emenda minuri għall-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni rreġistrata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u tal-indikazzazzjonijiet ġeografiċi protetti [Banon (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tiegħu,

Billi:

(1) B'mod konformi mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Franza għall-approvazzjoni ta' emenda għall-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini "Banon", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 641/2007 [2].

(2) L-għan tat-talba huwa li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet billi tiġi ppreċiżata l-prova tal-oriġini, il-metodu tal-ksib, it-tikkettjar, ir-rekwiżiti nazzjonali u d-dettalji tal-istrutturi inkarigati mill-kontroll tad-denominazzjoni.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda inkwistjoni u kkonkludiet li din hija ġġustifikata. Peress li l-emenda hija minuri skont it-tifsira tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura stabbilita fl-Artikoli 50 sa 52 tal-imsemmi regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini "Banon" huma emendati b'mod konformi mal-Anness I ta' dan ir-regolament.

Artikolu 2

Id-dokument uniku kkonsolidat li jiġbor l-elementi prinċipali tal-ispeċifikazzjonijiet jinsab fl-Anness II ta' dan ir-regolament.

Artikolu 3

Dan ir-regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Dacian CIOLOŞ
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
[2] ĠU L 150, 12.6.2007, p. 3.

ANNESS I

Fl-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Banon", l-emenda li ġejja hija approvata:

1.1. **Prova tal-oriġini**

L-intestatura ġiet issupplimentata b'dispożizzjonijiet dwar il-kontroll u l-garanzija tal-oriġini u tat-traċċabilità tad-denominazzjoni. Dawn id- dispożizzjonijiet ġew emendati wara r-riforma tas-sistema ta' kontrolli fil-livell nazzjonali.

1.2. **Metodu ta' ksib**

Fuq il-bażi tat-testi nazzjonali, l-intestatura ġiet issupplimentata b'elementi relatati ma':

— id-definizzjoni tal-merħla:

"Għandha tfisser il-merħla kollha ta' mogħoż li tikkonsisti f'mogħoż li jkunu qegħdin jipproduċu l-ħalib, mogħoż xotti, gidjien nisa u bdabad."

Din id-dispożizzjoni tippermetti li jiġi ddefinit aħjar it-terminu merħla.

"Sal-31 ta' Diċembru 2013, il-mogħoż tal-ħalib tar-razez Communes Provençales, Roves, Alpines u t-taħlit min dawn ir-razez għandhom jikkostitwixxu ta' mill-inqas 60 % ta' kull merħla."

Din id-dispożizzjoni hija miżura ta' adattament tal-merħla li tippermetti lil dawk li jrabbu l-mogħoż li jilħqu l-objettiv ta' 100 % sal-1 ta' Jannar 2014.

— l-ikel tal-merħla:

"Ir-razzjon bażiku tal-ikel tal-mogħoż *jiġi essenzjalment miż-żona ġeografika. Dan* huwa kkostitwit *esklużivament* mir-ragħa f'mergħat u/jew fil-bwar, għalf niexef *ta' leguminużi u/jew ħaxix u/jew flora spontanja miżmuma f'kundizzjonijiet tajbin.*"

Dawn l-elementi huma miżjuda sabiex jiġu ppreċiżati aħjar l-oriġini u n-natura tar-razzjon bażiku tal-merħla.

"Il-mogħoż jirgħu:

fil-mergħat komposti minn speċji spontanji annwali jew perenni, bis-siġar, siġar baxxi jew ħaxix;

fil-mergħat permanenti bi flora indiġena;

fil-mergħat temporanji ta' ħaxix, leguminużi jew imħalltin."

Dawn l-elementi huma miżjuda sabiex jiġu ppreċiżati sew it-tipi ta' bwar awtorizzati għall-ikel.

"Matul il-perjodu fejn ir-razzjon gross irid ikun ikkostitwit fil-biċċa l-kbira mir-ragħa, is-sehem tat-tiben ma għandux jaqbeż 1,25 kg ta' materja prima kuljum u għal kull mogħża adulta preżenti.

L-għoti tat-tiben huwa llimitat għal 600 kg ta' materjal mhux ipproċessat għal kull mogħża adulta preżenti fis-sena.

L-għoti tal-għalf aħdar mill-mejjilla huwa awtorizzat biss għal 30 jum mhux konsekuttivi fis-sena."

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tippromwovi r-ragħa.

"L-għoti ta' supplimenti huwa llimitat għal 800 g ta' materja prima kuljum għal kull mogħża adulta preżenti u għal 270 kg ta' materja prima fis-sena għal kull mogħża adulta preżenti. Ir-razzjon supplimentari annwali għandu jkun kompost ta' mill-inqas minn 60 % ċereali. L-għoti tax-xnien deidrat huwa llimitat għal 400 g ta' materja prima kuljum għal kull mogħża adulta preżenti, f'ta' mill-inqas 2 porzjonijiet, u għal 60 kg ta' materja prima kull sena għal kull mogħża adulta preżenti."

Dawn id-dispożizzjonijiet huma intiżi biex jillimitaw l-għoti ta' ikel barra mill-mergħa.

"L-għoti ta' għalf u ta' xnien deidrat minn barra ż-żona tad-denominazzjoni huwa llimitat għal 250 kg ta' materja prima fis-sena għal kull mogħża adulta preżenti."

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tillimita l-għoti ta' ikel li ma jkunx ġej miż-żona tad-denominazzjoni.

"L-għalf miżmum fis-silo u l-għalf marbut b'qafla, il-kruċiferi u pjanti oħrajn u żrieragħ li jistgħu jagħtu togħma ħażina lill-ħalib huma pprojbiti."

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tipprojbixxi l-użu ta' għalf li jista' jagħti togħma ħażina lill-ħalib u b'hekk lill-ġobon.

— il-produzzjoni ta' ħalib mill-merħla:

"Il-produzzjoni medja ta' merħla hija llimitata għal 850 kg ta' ħalib fis-sena għal kull mogħża li tkun qiegħda tipproduċi l-ħalib."

Din id-dispożizzjoni diġà eżistenti ġiet ifformulata mill-ġdid sabiex tittieħed f'kunsiderazzjoni medja annwali għall-merħla.

— it-teknoloġija tal-produzzjoni tal-ġobon

Is-sentenza *"Mill-1 ta' Jannar 2009, il-ħalib għandu jinġabar mir-razzett kuljum u l-ħżin tal-ħalib qabel il-ġbir isir f'temperatura ta' 8 °C"* hija ssostitwita bis-sentenza *"Il-ġbir ta' ħalib jista' jsir f'massimu ta' 4 ħalbiet, miġbura fuq massimu ta' jumejn. Il-ħżin tal-ħalib qabel il-ġbir għandu jsir f'temperatura ta' 6 °C jew inqas"*, sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limitazzjonijiet ta' distanza matul il-ġbir tal-ħalib.

"Id-doża ta' kimożina b'konċentrazzjoni ta' 520 mg kimożina/l hija ta'bejn 20 u 35 ml għal kull 100 l ħalib."

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tippreċiża d-doża tal-kimożina. Dik id-doża hija meħtieġa sabiex jinkiseb l-aħjar ħin għall-formazzjoni tal-baqta'.

"It-tul ta' żmien tat- tmelliħ *huwa ta' bejn 5 u 8 minuti."*

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tippreċiża l-ħin tat-tmelliħ.

— il-maturazzjoni:

"Mal-ħruġ minn din il-fażi, din għandha jkollha kisja omoġenja bi flora fil-wiċċ stabbilita sew, qoxra fina ta' kulur abjad lewn il-krema, u polpa ratba fil-qalba."

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tippreċiża d-dehra tal-ġobon fi stadju intermedjarju tal-maturazzjoni.

— Tgeżwir fil-weraq:

"Kundizzjonijiet għall-ġbir

Il-weraq għandhom jinġabru meta jkunu kannella, jiġifieri fil-ħarifa meta jibda jaqa' l-weraq. Dawn għandhom ikunu nodfa u mhux morda.

Kundizzjonijiet għall-ħżin

Il-weraq jinħażnu nexfin.

Trattament

Il-weraq jiġu mxarrba mill-ġdid qabel ma jintużaw għat-tgeżwir. Huma possibbli tliet tekniki:

— *fl-ilma jagħli,*

— *fl-ilma jagħli b'żieda ta' 5 % ħall,*

— *fl-ilma b'5 % ħall.*

It-tneħħija taz-zokk tal-werqa hija opzjonali, iżda tista' tinqata' biss il-bażi tal-werqa bl-esklużjoni ta' kull qtugħ ieħor.

T g e ż w i r t a l - ġ o b o n

Il-ġobon jitgeżwer għal kollox fil-weraq sabiex issir it-tieni maturazzjoni "anerobika".

Jekk il-ġobon jinkesa b'weraq li ma jkunx tneħħielu z-zokk, iz-zokk għandu jitpoġġa fuq l-iżgħar wiċċ tal-ġobon."

Din id-dispożizzjoni hija intiża biex tippreċiża l-kundizzjonijiet għall-ksib u l-użu tal-weraq tas-siġra tal-qastan. Id-definizzjoni tal-kwalità ta' dawn il-weraq hija neċessarja sabiex jinkiseb l-aqwa maturazzjoni bil-weraq.

1.3. **Tikkettjar**

Id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar huma mmodifikati sabiex jidaħħal l-obbligu li jitpoġġa s-simbolu "DPO" tal-Unjoni Ewropea. Iddaħħlu dispożizzjonijiet supplimentari li jirriżultaw mit-testi nazzjonali.

1.4. **Rekwiżiti nazzjonali**

Ir-rekwiżiti nazzjonali huma ssupplimentati bit-tabella tal-punti prinċipali li għandhom jiġu kkontrollati u l-metodu tal-evalwazzjoni tagħhom, kif tipprevedi l-leġiżlazzjoni nazzjonali.

1.5. **Oħrajn**

Id-dettalji tal-awtoritajiet inkarigati mill-kontroll tad-denominazzjoni ġew aġġornati.

ANNESS II

DOKUMENT UNIKU KKONSOLIDAT

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1])

"BANON"

Nru KE: FR-PDO-0105-0969 - 23.2.2012

IĠP ( ) DPO (X)

1. **Dénominazzjoni**

"Banon"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Franza

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.3. Ġobon

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott bid-denominazzjoni msemmija fil-punt 1*

Il-"Banon" huwa ġobon b'polpa ratba magħmul mill-ħalib tal-mogħża mhux imsajjar u shiħ. Dan jinkiseb permezz tal-produzzjoni tal-baqta' b'mod rapidu (baqta' biż-żieda tal-kimożina). Il-ġobon maturat jitgeżwer (jiġifieri jitgħatta għal kollox b'weraq mitwi madwaru) b'weraq naturali kannella tas-siġra tal-qastan, marbut b'raffja naturali li tikkonsisti minn 6 sa 12-il fibra.

Il-"Banon", wara ta' mill-inqas 15-il jum ta' maturazzjoni, li minnhom 10 ijiem ikunu taħt il-weraq, ikollu polpa omoġenja, kremuża u ratba. Il-qoxra tiegħu hija ta' lewn isfar fil-krema taħt il-weraq. Id-dijametru tal-ġobon bil-weraq huwa ta' bejn 75 u 85 mm, u t-tul huwa ta' bejn 20 u 30 mm. Il-piż nett tal-"Banon" mingħajr il-weraq u wara l-perjodu tal-maturazzjoni huwa ta' bejn 90 u 110 g.

Il-ġobon fih ta' mill-inqas 40 gramma ta' materjal niexef għal 100 gramma ta' ġobon u 40 gramma ta' materjal xaħmi għal kull 100 gramma ta' ġobon wara tnixxif totali.

3.3. *Materji primi (għall-prodotti pproċessati biss)*

Sal-31 ta' Diċembru 2013, il-mogħoż tal-ħalib tar-razez Communes Provençales, Roves, Alpines u t-taħlit bejn dawn ir-razez għandom jikkostitwixxu ta' mill-inqas 60 % ta' kull merħla.

Sa mill-1 ta' Jannar 2014, il-ħalib użat għall-produzzjoni tal-"Banon" għandu jiġi unikament mill-mogħoż tar-razez Communes Provençales, Roves, Alpines u t-taħlit bejn dawn ir-razez.

3.4. *Għalf għall-annimali (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss)*

Ir-razzjon bażiku tal-għalf tal-mogħoż jiġi essenzjalment miż-żona ġeografika. Din hija kkostitwita esklużivament mir-ragħa fil-mergħat u/jew bwar, għalf niexef ta' legumuniżi u/jew ta' ħaxix u/jew ta' flora spontanja miżmuma f'kundizzjonijiet tajbin. Meta l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-istadju tal-veġetazzjoni jkunu jippermettu, il-mogħoż għandhom ikunu fil-mergħat u/jew fil-bwar. Il-mogħoż għandhom jirgħu b'mod regolari fil-bwar u l-mergħat taż-żona għal ta' mill-inqas 210 ijiem fis-sena. Għal ta' mill-inqas 4 xhur fis-sena huma għandhom jieħdu l-biċċa l-kbira tal-ikel gross tagħhom mir-ragħa.

Il-mogħoż għandhom jirgħu b'mod regolari fil-bwar u l-mergħat taż-żona għal mill-inqas 210 ijiem fis-sena.

Il-mogħoż jirgħu:

— fil-mergħat komposti minn speċji spontanji annwali jew perenni, bis-siġar, siġar baxxi jew ħaxix;

— fuq il-bwar permanenti bi flora indiġena;

— fuq il-mergħat temporanji ta' ħaxix, leguminużi jew imħalltin.

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Issostitwit bir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

L-għoti ta' għalf (għalf niexef u supplimenti) mill-mejjilla huwa llimitat kull sena u kuljum. Huwa llimitat ukoll ix-xiri ta' għalf minn barra ż-żona.

Għal ta' mill-inqas 4 xhur fis-sena għandhom jieħdu l-biċċa l-kbira tal-ikel gross tagħhom mir-ragħa.

Matul il-perjodu fejn ir-razzjon gross irid ikun ikkostitwit fil-biċċa l-kbira mir-ragħa, is-sehem ta' tiben ma għandux jaqbeż 1,25 kg ta' materja prima kuljum u għal kull mogħża adulta preżenti.

Id-distribuzzjoni tat-tiben hija llimitata għal 600 kg ta' materja prima għal kull mogħża adulta preżenti fis-sena.

Id-distribuzzjoni tal-għalf aħdar mill-mejjilla huwa awtorizzat biss għal 30 jum mhux konsekuttivi fis-sena.

L-għoti ta' supplimenti huwa llimitat għal 800 g ta' materja prima kuljum għal kull mogħża adulta preżenti u għal 270 kg ta' materja prima fis-sena għal kull mogħża adulta preżenti.

Ir-razzjon supplimentari annwali għandu jkun kompost ta' mill-inqas minn 60 % ċereali.

L-għoti ta' xnien deidrat huwa llimitat għal 400 g ta' materja prima kuljum għal kull mogħża adulta preżenti f'ta' mill-inqas żewġ porzjonijiet, u għal 60 kg ta' materja prima fis-sena għal kull mogħża adulta preżenti.

L-għoti ta' għalf u ta' xnien deidrat minn barra ż-żona tad-denominazzjoni huwa llimitat għal 250 kg ta' materja prima fis-sena għal kull mogħża adulta preżenti.

L-għalf miżmum fis-silo u l-għalf marbut b'qafla, il-kruċiferi u pjanti u żrieragħ oħrajn li jistgħu jagħtu togħma ħażina lill-ħalib huma pprojbiti.

Fl-impriża agrikola l-erja fejn tintgħalef il-merħla tal-mogħoż għandha tkun ta' mill-inqas ettaru ta' mergħa naturali u/jew artifiċjali għal kull tmien mogħżiet u ta' ettaru ta' mergħa għal kull żewġ mogħżiet.

3.5. *Stadji speċifiċi tal-produzzjoni li għandhom iseħħu fiż-żona ġeografika delimitata*

Il-produzzjoni tal-ħalib, il-manifattura u l-maturazzjoni tal-ġobon jitwettqu fiż-żona ġeografika ddelimitata fil-punt 4.

3.6. *Regoli speċifiċi applikabbli għat-tfettit, tħakkik u tgeżwir, eċċ.*

—

3.7. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettjar*

Kull ġobon b'denominazzjoni jiġi kkummerċjalizzat b'tikketta individwali li tkun tinkludi l-isem tad-denominazzjoni ta' oriġini, miktub b'karattri ta' dimensjoni ta' mill-inqas daqs kull karattru ieħor li jinsab fuq it-tikketta.

L-użu tas-simbolu DPO tal-Unjoni Ewropea huwa obbligatorju fit-tikkettjar tal-ġobon li jibbenefika mid-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Banon".

L-isem "Banon" għandu jidher b'mod obbligatorju fuq il-fatturi u d-dokumenti kummerċjali.

4. **Deskrizzjoni fil-qosor tad-delimitazzjoni taż-żona ġeografika**

Iż-żona ġeografika hija komposta mill-communes segwenti:

Id-département ta' Alpes-de-Haute-Provence (04)

Il-communes kollha inklużi fiż-żona

Aiglun, Allemagne-en-Provence, Archail, Aubenas-les-Alpes, Aubignosc, Banon, Barras, Beaujeu, Bevons, Beynes, Bras-d'Asse, Brunet, Céreste, Champtercier, Châteaufort, Châteauneuf-Miravail, Châteauneuf-Val-Saint-Donat, Châteauredon, Clamensane, Cruis, Curel, Dauphin, Digne-les-Bains, Draix, Entrepierres, Entrevennes, Esparron-de-Verdon, Estoublon, Fontienne, Forcalquier, Hautes-Duyes, La Javie, La Motte-du-Caire, Lardiers, La Rochegiron, Le Brusquet, Le Castellard-Mélan, Le Castellet, Le Chauffaut-Saint-Jurson, L'Escale, Les Omergues, L'Hospitalet, Limans, Malijai, Mallefougasse-Augès, Mallemoisson, Mane, Marcoux, Mézel, Mirabeau, Montagnac-Montpezat, Montfuron, Montjustin, Montlaux, Montsalier, Moustiers-Sainte-Marie, Nibles, Niozelles, Noyers-sur-Jabron, Ongles, Oppedette, Peipin, Pierrerue, Pierrevert, Puimichel, Puimoisson, Quinson, Redortiers, Reillanne, Revest-des-Brousses, Revest-du-Bion, Revest-Saint-Martin, Riez, Roumoules, Sainte-Croix-à-Lauze, Sainte-Croix-du-Verdon, Saint-Étienne-les-Orgues, Saint-Jeannet, Saint-Julien-d'Asse, Saint-Jurs, Saint-Laurent-du-Verdon, Saint-Maime, Saint-Martin-de-Brômes, Saint-Martin-les-Eaux, Saint-Michel-l'Observatoire, Saint-Vincent-sur-Jabron, Salignac, Saumane, Sigonce, Simiane-la-Rotonde, Sisteron, Sourribes, Thoard, Vachères, Valbelle, Valernes, Villemus u Volonne.

Il-communes li jinsabu parzjalment fiż-żona

Château-Arnoux-Saint-Auban, Ganagobie, Gréoux-les-Bains, La Brillanne, Les Mées, Lurs, Manosque, Montfort, Oraison, Peyruis, Valensole, Villeneuve u Volx.

Għal dawn il-communes, il-limitu taż-żona ġeografika jinsab fil-pjanti ddepożitati mal-kunsill lokali tal-communes ikkonċernati.

Id-département ta' Hautes-Alpes (05)

Barret-sur-Méouge, Bruis, Chanousse, Châteauneuf-de-Chabre, Éourres, Étoile-Saint-Cyrice, Eyguians, Lagrand, La Piarre, Laragne-Montéglin, Le Bersac, L'Épine, Méreuil, Montclus, Montjay, Montmorin, Montrond, Moydans, Nossage-et-Bénévent, Orpierre, Ribeyret, Rosans, Saint-André-de-Rosans, Sainte-Colombe, Sainte-Marie, Saint-Genis, Saint-Pierre-Avez, Saléon, Salérans, Serres, Sigottier, Sorbiers u Trescléoux.

Id-département ta' Vaucluse (84)

Aurel, Auribeau, Buoux, Castellet, Gignac, Lagarde-d'Apt, Monieux, Saignon, Saint-Christol, Saint-Martin-de-Castillon, Saint-Trinit, Sault, Sivergues u Viens.

Id-département ta' Drôme (26)

Aulan, Ballons, Barret-de-Lioure, Eygalayes, Ferrassières, Izon-la-Bruisse, Laborel, Lachau, La Rochette-du-Buis, Mévouillon, Montauban-sur-l'Ouvèze, Montbrun-les-Bains, Montfroc, Montguers, Reilhanette, Rioms, Saint-Auban-sur-l'Ouvèze, Séderon, Vers-sur-Méouge, Villebois-les-Pins, u Villefranche-le-Château.

5. **Rabta maż-żona ġeografika**

5.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

(a) L-ambjent naturali

Il-"Banon" joriġina fl-Haute-Provence madwar il-commune ta' Banon. Dan huwa post semi-muntanjuż niexef b'pajżaġġi komposti minn għoljiet u plateaux bi klima Mediterranja.

Iż-żona hija kkaratterizzata min-nuqqas ta' ilma, l-ilma ta' taħt l-art jinsab midfun fil-fond ħafna u l-ilma tal-wiċċ huwa soġġett għal xita eċċezzjonali u ferm irregolari kkonċentrata prinċipalment fil-ħarifa u fir-rebbiegħa b'nuqqas kbir fis-sajf.

Iż-żona ta' "Banon" hija kkaratterizzata minn artijiet li mhumiex wisq fertili, essenzjalment tal-franka, u permeabbli, li għandhom kapaċità eċċezzjonali li jassorbu x-xita.

Dan huma ambjent fejn insibu taħlita ta' veġetazzjoni tal-foresti b'densità baxxa inklużi siġar taż-żnuber, ballut, is-siġra *buxus* u pjanti li jfewħu, imsaġar folti u siġar baxxi mxerrda u kultivazzjonijet adattati għall-ħruxija ta' klima tal-Provence f'altitudni medja, niexfa, xemxija, spiss pjuttost kiesħa fix-xitwa u li toffri spazji favorevoli għar-ragħa fl-aħrax ta' merħliet ta' mogħoż.

Il-kundizzjonijiet naturali ta' dan ir-reġjun jispjegaw il-fatt li l-ekonomija ġenerali ta' din iż-żona hija favorevoli għar-ragħa u għall-kultivazzjonijiet li jrendu ftit.

(b) Anterjorità storika tal-"Banon"

L-istorja tal-"Banon" tmur lura għal tmiem is-seklu XIX. Fuq din l-art b'potenzjal agronomiku dgħajjef, il-pajżani ppruvaw japprofittaw bl-aħjar mod mir-riżorsi ambjentali naturali batuti: il-polikultivazzjoni ta' sussistenza fuq xi ftit pakketti ta' raba' tajbin, u fiż-żoni aktar selvaġġi tal-foresta jew tal-art jinġabar l-injam, annimali tal-kaċċa, faqqiegħ, frott żgħir, tartufi jew lavender. Minbarra majjal u ftit tjur, kull familja kienet trabbi wkoll merħla żgħira domestika komposta minn nagħaġ kif ukoll xi mogħoż, annimali li huma utli kemm fuq l-art, fejn jagħmlu l-aħjar użu mill-art u mill-boskijiet tal-madwar, kif ukoll mill-funzjonalità ekonomika tagħhom. Waqt li l-muntun jintuża għal-laħam, il-mogħża fil-kwalità tagħha bħala "baqra tal-fqar" qiegħda hemmhekk biex tipproduċi l-ħalib. Dak il-ħalib iservi għall-bżonnijiet tal-familja fi stat frisk u jiġi ttrasformat ukoll f'ġobon, l-uniku mod kif jista' jiġi pprolongat il-valur nutrittiv tiegħu.

Jekk il-ġobon ikun għal użu domestiku, il-valur kummerċjali tiegħu jiġi mill-ammont żejjed tal-produzzjoni li ma kienx għall-konsum tal-familja. Dak l-ammont żejjed tal-produzzjoni b'hekk jittieħed lejn is-swieq lokali biex jinbiegħ.

Huwa f'dan il-kuntest li Banon, il-post prinċipali tal-canton u ċentru ġeografiku tal-pajjiżi ta' Lure u Albion, salib it-toroq ta' komunikazzjoni importanti, jieħu postu bħala l-aktar wieħed importanti minn dawn il-postijiet ta' fieri u swieq tal-ġobon.

L-ewwel referenza għal ġobon tal-mogħoż miksi bil-weraq, assoċjat mal-isem Banon, tinsab fil-Cuisinière provençale ta' Marius MORARD fl-1886.

Il-perjodu ta' wara l-gwerra kien ikkaratterizzat mill-introduzzjoni progressiva ta' progress tekniku fil-metodi ta' manifattura tal-ġobon. Il-merħliet tal-mogħoż bdew isiru speċjalizzati, u kien hemm ħruġ mill-qafas tal-produzzjoni domestika: waqt li qabel il-produzzjoni tal-ġobon kienet issir prinċipalment bħala ikel għall-familja, u fuq bażi sekondarja biex jinbiegħ, f'dan l-istadju l-ġdid il-produzzjoni bdiet issir prinċipalment għall-bejgħ (waqt li ż-żejjed jintuża bħala ikel għall-familja).

5.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Il-"Banon" għandu oriġinalità doppja, li hija speċifika ħafna fis-settur tal-ġobon tal-mogħoż: huwa ġobon b'baqta' ħelwa (ġobon b'koagulazzjoni rapida jew baqta' bil-kimożin), imgeżwer fil-weraq tal-qastan.

Jekk wieħed jirreferi għall-istudju ta' JM MARIOTTINI "A la Recherche d'un fromage: le Banon éléments d'histoire et d'ethnologie", il-"Banon" minn dejjem kien ġobon b'teknoloġija ta' kimożina u jibqa' wieħed mill-ġobnijiet rari maħduma permezz ta' din it-teknika.

Kif tixhed l-istorja, Provence tinsab b'mod ċar f'żona ta' kultura "tal-kimożina", meta mqabbla mat-Tramuntana ta' Franza fejn tiddomina kultura "lattika" (koagulazzjoni bil-mod ta' madwar 24 siegħa). Sa mis-seklu XV, kienu jiġu offruti lir-Re René "ġobniet żgħar rotob, kimożini"; ir-referenza għall-kimożina hija ċara.

Tradizzjonalment, l-għarbiela użati fi Provence kien ikollhom toqob kbar, li jindika li l-baqta' kienet miksuba bil-kimożina (baqta' lattika "taħrab" minn dawk l-għarbiela).

Barra minn hekk, il-kisi tal-ġobon bil-weraq, li huwa partikolari għall-"Banon", għandu żewġ għanijiet: minn naħa waħda, huwa teknika ta' konservazzjoni, u min-naħa l-oħra, huwa teknika ta' produzzjoni. Dan huwa pproċessar ta' ġobon frisk li jqis kemm l-iskop li jiġi kkonservat kif ukoll li jittejjeb il-ġobon.

L-ipproċessar tal-prodott jikkonsisti prinċipalment f'li jintrabat mal-weraq tal-qastan u "jitgeżwer". Dan il-metodu jikkaratterizza l-bidla mit-Tome għall-"Banon". Dan il-weraq għandu rwol bħala fattur ta' iżolament tal-arja u għandu rwol ta' adġuvant, peress li jippermetti l-iżvilupp ta' karatteristiċi aromatiċi tal-ġobon.

Għalkemm diversi weraq jistgħu jiġu assoċjati mal-ġobon (dielja, qastan, platanus, ġewż…), jintużaw il-weraq tal-qastan, minħabba s-sodezza tal-istruttura tagħhom u l-kwalità tat-tannin tagħhom.

5.3. *Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DPO), jew kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristika oħra tal-prodott (għall-IĠP)*

(a) L-ambjent naturali

Iż-żona tad-denominazzjoni tinsab taħt influwenza Mediterranja b'art mhux wisq fertili, komposta prinċipalment minn ġebel tal-franka, li spiss jidher mill-wiċċ u ma żżommx l-ilma. Dawn l-elementi jwasslu għal veġetazzjoni kkostitwita minn xagħri kompost minn xewk, żagħrun, pruna selvaġġa, warda tal-blat, ġnibru, lavander, ħabaq selvaġġ, sagħtar… u qastan, li nżergħu għall-ħabta tal-1860 fiż-żoni minn fejn tneħħiet il-ġebla tal-franka.

Dan huwa ambjent ideali għat-trobbija tal-mogħoż u l-prattika tar-ragħa.

(b) Is-sistema agro-pastorali

Għal min irabbi l-mogħoż, il-mergħat tar-ragħa u tal-għalf huma l-bażi tal-ikel tal-mogħoż. Dawn huma integrati fi strateġija ta' ikel għall-merħla. B'hekk, dawk li jrabbu l-mogħoż stabbilixxew sistema partikolari ta' produzzjoni li tikkombina din id-diversità ta' riżorsi naturali.

Ir-ragħa tikkombina tliet tipi ta' riżorsi: mergħat naturali, boskijiet u leguminużi rikki fin-nitroġenu. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jrabbu l-mogħoż joqogħdu għassa magħhom, li jippermettilhom, skont kemm jieklu fl-aħrax u l-avvanz tal-istaġun, li jikkumplimentaw l-ikel tagħhom billi jirgħu fil-mergħat tas-sainfoin jew tax-xnien.

Din is-sistema ta' trobbija tikkostitwixxi użanza agrikola li għandha sehem importanti fit-tipiċità ta' dan il-ġobon b'rabta mat-territorju tiegħu.

(ċ) It-teknika tal-produzzjoni

It-teknika tal-baqta' ħelwa hija imposta mill-kundizzjonijiet klimatiċi (temperatura għolja u nixfa tal-klima ambjentali). Effettivament, huwa impossibbli f'dan ir-reġjun, mingħajr mezzi tekniċi speċifiċi, li jiġi mkessaħ il-ħalib u li jinżamm f'temperatura baxxa, biex il-fermenti lattiċi jitħallew jaġixxu mingħajr ma jiqras. B'hekk irid jiġi attivat il-proċess li permezz tiegħu l-ħalib isir baqta', jiġifieri l-koagulazzjoni, permezz tal-kimożina.

It-tgeżwir tat-Tomes kien jgħin biex ikun hemm ikel għas-sena sħiħa, u b'mod partikolari l-perjodu diffiċli tax-xitwa fejn il-mogħoż ikunu xotti.

Il-"Banon" huwa r-riżultat tat-taħlita ta' dawn il-fatturi kollha: ambjent fqir favorevoli għat-trobbija tal-mogħoż estensiv u vvalorizzat mill-bniedem, klima sħuna u niexfa li twassal naturalment għall-prattika ta' baqta' bil-kimożina u teknika ta' trasformazzjoni (it-tgeżwir) li tippermetti l-konservazzjoni tal-ġobon fit-tul.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet

(l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

https://www.inao.gouv.fr/fichier/CDCBanon.pdf

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1212/2013

tas-26 ta' Novembru 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni tat-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun previst li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-merkanzija kkonċernata minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni dwar il-punt 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit mill-President, il-miżuri stipulati għall-punt 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. It-tagħmir ta' kejl ta' polz li jikkonsisti f': — sensur tal-polz u transmiter bla wajers, inkorporat f'ċinga għas-sider, — apparat ta' monitoraġġ tar-ritmu tal-qalb li jinkorpora riċevitur bla wajers u arloġġ, b'buttuni tal-kontroll u skrin ottoelettroniku, li jista' jintlibes fuq il-polz, — saljatura għall-iffissar tal-apparat ta' monitoraġġ tar-ritmu tal-qalb mal-manku ta' xi rota. Il-polz li jinqabad mis-sensur u d-dejta korrispondenti tiġi trażmessa bla wajers mal-apparat ta' monitoraġġ li jikkalkula r-ritmu tal-qalb (attwali, massimu jew medja) u li juri r-riżultat. It-tagħmir jaħdem ukoll bħala arloġġ u faċiltà ta' stopwatch. (*) Ara l-immaġni 1	9031 80 38	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-nota 3 tal-Kapitolu 90 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 9031, 9031 80 u 9031 80 38. Is-sensur tal-polz u l-apparat ta' monitoraġġ tar-ritmu tal-qalb huma maħsuba biex jikkontribwixxu flimkien għal funzjoni definita b'mod ċar fi ħdan it-tifsira tan-nota 3 tal-Kapitolu 90 flimkien man-nota 4 tat-Taqsima XVI bħas-sensur tal-polz u li jibgħat is-sinjali mal-apparat ta' monitoraġġ għall-ipproċessar u t-turija. It-tagħmir ikun magħmul minn prodotti komposti li huma magħmula minn komponenti klassifikati skont il-Kapitolu 90 (apparat ta' kejl jew iċċekkjar) u l-Kapitolu 91 (arloġġ). Bis-saħħa tar-regola 3(b) għandu jkun ikklassifikat daqslikieku kien jikkonsisti mill-komponent li jagħti lill-apparat il-karatteristika essenzjali tiegħu. Meta wieħed iqis il-karatteristiċi oġġettivi tal-apparat, jiġifieri l-parti l-kbira tal-komponenti bil-funzjoni ta' kejl u monitoraġġ tal-polz, il-karattru essenzjali tat-tagħmir huwa mogħti mill-komponenti ta' kejl. Il-funzjoni ta' arloġġ tat-tagħmir hija anċillari għall-funzjoni tiegħu bħala apparat ta' kejl peress li apparat għall-kejl ibbażat fuq il-ħin (polz kull minuta) jiddependi fuq arloġġ għall-istabbiliment ta' tqabbil tal-ħin meta jiġi pproċessat il-kejl. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni skont l-intestatura 9102 hija eskluża. Il-klassifikazzjoni skont l-intestatura 9018 bħala strument jew apparat mediku hija eskluża wkoll minħabba li l-apparat huwa ġeneralment mhux użat fil-prattika tal-professjoni medika (ara wkoll l-ewwel paragrafu tan-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (HSEN) għall-intestatura 9018). Jitwettaq kejl fir-rigward ta' fattur taż-żmien (id-determinazzjoni tar-ritmu tal-qalb jew polz kull minuta) ma jgħoddx l-ammont totali ta' unitajiet ta' kull tip (ara wkoll l-HSEN għall-intestatura 9029, il-punt (A)). Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni skont is-sottointestatura 9029 10 00 bħala apparat li jgħodd id-dawran, apparat li jgħodd waqt il-produzzjoni, tassimetri, milometri, pedometri u apparat simili hija eskluża. Id-determinazzjoni tar-ritmu tal-qalb (polz kull minuta) mhix id-determinazzjoni tal-veloċità tad-dawran jew il-veloċità lineari (ara wkoll l-HSEN għall-intestatura 9029, il-punt (B)). B'konsegwenza, il-klassifikazzjoni skont is-sottointestatura 9029 20 bħala indikaturi ta' veloċità u takometri hija eskluża wkoll.

(1)	(2)	(3)
		L-apparat għandu, għalhekk, jiġi kklassifikat skont il-kodiċi NM 9031 80 38 bħala parti minn strumenti, tagħmir u magni tal-iċċekkjar oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor fil-Kapitolu 90.
2. Sensur tal-polz u trażmettitur mingħajr wajers, inkorporat f'ċinga għas-sider intenzjonat li jitlibbes mas-sider għall-ksib ta' polz. Il-prodott isib il-polz u jittrażmetti d-dejta korrispondenti mingħajr wajers għal apparat ta' monitoraġġ tar-ritmu tal-qalb li mhuwiex inkluż mal-preżentazzjoni. (*) Ara l-immaġni 2	9031 90 85	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali, minn 1 sa 6, għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda bin-nota 2(b) tal-Kapitolu 90, kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9031, 9031 90 u 9031 90 85. Il-prodott huwa adattat għall-użu biss jew prinċipalment ma' tagħmir ta' kejl polz tal-intestatura 9031. Huwa komponent essenzjali għall-funzjonament ta' tagħmir ta' kejl tal-polz minħabba li dan tal-aħħar ma jistax jaħdem mingħajru. Il-prodott għandu, għalhekk, jiġi kklassifikat skont il-kodiċi NM 9031 90 85 bħala parti minn strumenti, tagħmir u magni tal-iċċekkjar, mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor fil-Kapitolu 90.

(*) L-immaġnijiet huma biss għal finijiet ta' informazzjoni.

Immaġni 1

Immaġni 2

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1213/2013

tas-27 ta' Novembru 2013

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Jerzy PLEWA
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNESS

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz [1]	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	AL	44,1
	MA	41,4
	MK	36,9
	TR	57,9
	ZZ	45,1
0707 00 05	AL	41,5
	TR	87,1
	ZZ	64,3
0709 93 10	MA	133,7
	TR	87,3
	ZZ	110,5
0805 20 10	MA	68,3
	ZA	87,1
	ZZ	77,7
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	PK	59,4
	SZ	56,2
	TR	70,2
	UY	56,2
	ZA	192,9
	ZZ	87,0
0805 50 10	TR	68,0
	ZZ	68,0
0808 10 80	AU	125,0
	BA	45,7
	MK	41,5
	US	139,5
	ZA	134,8
	ZZ	97,3
0808 30 90	TR	113,5
	ZZ	113,5

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Novembru 2013

dwar in-notifika mir-Repubblika Ellenika ta' pjan nazzjonali tranżitorju msemmi fl-Artikolu 32 tad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali

(notifikata bid-dokument C(2013) 8133)

(It-test bil-Grieg biss huwa awtentiku)

(2013/687/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, ir-Repubblika Ellenika ppreżentat lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali tranżitorju (TNP) tagħha fid-19 ta' Diċembru 2012 ([2]).

(2) Matul il-valutazzjoni tagħha tal-kompletezza tat-TNP, il-Kummissjoni sabet li kien hemm informazzjoni nieqsa rigward id-data li fiha ngħata l-ewwel permess. Għaldaqstant, permezz ta' ittra tal-11 ta' Ġunju 2013 ([3]), il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Elleniċi biex jipprovdu l-informazzjoni nieqsa kif ukoll kjarifika dwar il-kapaċità termali kklassifikata totali ta' impjant tal-kombustjoni wieħed.

(3) Ir-Repubblika Ellenika ppreżentat lill-Kummissjoni informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittra tal-25 ta' Ġunju 2013 ([4]).

(4) Wara valutazzjoni ulterjuri tat-TNP u l-informazzjoni addizzjonali pprovduta, il-Kummissjoni bagħtet it-tieni ittra fit-8 ta' Lulju 2013 ([5]), fejn tenniet it-talba tagħha għall-informazzjoni dwar id-data li fiha ngħata l-ewwel l-permess għal diversi impjanti, u talbet kjarifika dwar l-użu għal impjant wieħed tad-deroga msemmija fin-Nota 4 fit-Tabella C1 tal-Appendiċi C tal-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/115/UE tal-10 ta' Frar 2012 li tistabbilixxi regoli dwar il-pjanijiet nazzjonali tranżizzjonali msemmija fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali ([6]).

(5) Permezz ta' ittra tat-30 ta' Lulju 2013 ([7]), ir-Repubblika Ellenika pprovdiet l-informazzjoni u l-kjarifiki addizzjonali mitluba, b'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

(6) Għaldaqstant, it-TNP ġie vvalutat mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

(7) B'mod partikolari, il-Kummissjoni eżaminat il-konsistenza u l-korrettezza tad-dejta, is-suppożizzjonijiet u l-kalkoli użati biex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet ta' kull wieħed mill-impjanti tal-kombustjoni koperti mit-TNP għal-limiti massimi tal-emissjoni stabbiliti fit-TNP, u analizzat jekk dan jinkludix objettivi u miri, miżuri u skedi relatati biex jintlaħqu dawn l-objettivi u mekkaniżmu ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-konformità fil-ġejjieni.

(8) Il-Kummissjoni sabet li l-limiti massimi tal-emissjoni għas-snin 2016 u 2019 ġew ikkalkulati bl-użu ta' dejta u formuli xierqa u li l-kalkoli kienu korretti. Ir-Repubblika Ellenika pprovdiet biżżejjed informazzjoni dwar il-miżuri li se jiġu implimentati sabiex jintlaħqu l-limiti massimi tal-emissjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tat-TNP.

([1]) ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.
([2]) In-notifika mir-Repubblika Ellenika waslet bil-posta elettronika fid-19 ta' Diċembru 2012 u ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni Ewropea fl-istess data bin-numru ta' reġistrazzjoni: Ares(2012)1526291.
([3]) Ares(2013)1981975.
([4]) Ares(2013)2480530.
([5]) Ares(2013)2586817.
([6]) ĠU L 52, 24.2.2012, p. 12.
([7]) Ares(2013)2847956.

(9) Wara li ġiet ippreżentata l-informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni tinsab sodisfatta li l-awtoritajiet Elleniċi kkunsidraw id-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

(10) Il-Kummissjoni tqis li l-implimentazzjoni tat-TNP għandha tkun bla ħsara għal liġijiet oħra nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli. B'mod partikolari, billi tistabbilixxi kundizzjonijiet għal permess individwali għall-impjanti tal-kombustjoni koperti mit-TNP, ir-Repubblika Ellenika timpenja ruħha biex tiżgura li ma tiġix ipperikolata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti, *inter alia*, fid-Direttiva 2010/75/UE, fid-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa ([1]) u fid-Direttiva 2001/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-livelli nazzjonali massimi tal-emissjonijiet ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi ([2]).

(11) L-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2010/75/UE jeżiġi li r-Repubblika Ellenika tinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil sussegwenti fit-TNP. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dak it-tibdil jikkonformax mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fuq il-bażi tal-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE, ma tqajmux oġġezzjonijiet kontra l-pjan nazzjonali tranżitorju (TNP) li r-Repubblika Ellenika nnotifikat lill-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2012 skont l-Artikolu 32(5) tad-Direttiva 2010/75/UE, kif emendat skont l-informazzjoni addizzjonali mibgħuta fil-25 ta' Ġunju 2013 u t-30 ta' Lulju 2013 ([3]).

2. L-ismijiet tal-impjanti koperti mit-TNP, is-sustanzi li jniġġsu li għalihom huma koperti dawk l-impjanti, u l-limiti massimi ta' emissjoni applikabbli huma stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

3. L-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali tranżitorju mill-awtoritajiet Elleniċi ma għandhiex teżenta lir-Repubblika Ellenika minn konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet minn impjanti ta' kombustjoni individwali koperti mill-pjan, u ma' korpi oħra rilevanti tal-liġi ambjentali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk kwalunkwe tibdil sussegwenti fit-TNP, li jiġi notifikat mir-Repubblika Ellenika fil-ġejjieni, jikkonformax mad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 32(1), (3) u (4) tad-Direttiva 2010/75/UE u fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/115/UE.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ellenika.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Janez POTOČNIK

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22.
([3]) Il-verżjoni konsolidata tat-TNP ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Awwissu 2013 bin-numru ta' reġistrazzjoni Ares(2013)2847956.

ANNESS

Lista ta' impjanti inklużi fit-TNP

Numru	L-isem tal-impjant	Kapaċità termali kklassifikata totali fil-31.12.2010 (MW)	Sustanzi li jniġġsu li huma koperti minn TNP		
			SO_2	NO_x	trab
1	Megalopolis 3	839	√	√	√
2	Megalopolis 4	822	√	√	√
3	Meliti 1	796	√	√	√
4	Agios Dimitrios 1-2	1 524	√	√	√
5	Agios Dimitrios 3-4	1 574	√	√	√
6	Agios Dimitrios 5	892	√	√	√
7	Kardia 3	812	√	√	√
8	Kardia 4	812	√	√	√

Ħarsa ġenerali lejn il-limiti massimi tal-emissjonijiet

(tunnellati)

	2016	2017	2018	2019	1.1 – 30.6.2020
SO_2	42 915	35 763	28 611	21 459	10 730
NO_x	21 459	21 459	21 459	21 459	10 730
trab	8 493	6 378	4 262	2 147	1 074

III

(Atti oħrajn)

ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 258A/13/COL

tal-25 ta' Ġunju 2013

biex tiġi aċċettata rikjesta għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att imsemmi f'punt 13c fil-Kapitolu I tal-Anness XIII mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (id-*Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi*) biex jiġi awtorizzat it-trasport ta' skart perikoluż kif deskritt fl-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi Nru 384 tal-1 ta' April 2009 (*Forskrift om landtransport av farlig gods,* "ir-Regolament Norveġiż"), sakemm il-kumpanija tat-trasport għandha konsulent tas-sigurtà tal-ADR; u sakemm dawk li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż jattendu taħriġ speċjali qabel ma jkunu awtorizzati jagħmlu hekk

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA,

Wara li kkunsidrat l-Att imsemmi fil-punt 13c fil-Kapitolu I tal-Anness XIII mal-Ftehim ŻEE,

Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (l-Att),

kif adattata mill-Ftehim ŻEE permezz tal-Protokoll għal dan l-għan,

Wara li ġie kkunsidrat l-Artikolu 9 tal-Att u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nri 3/12/SC u 4/12/SC,

Wara li ġiet ikkunsidrata d-Deċiżjoni Nru 88/13/COL tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tas-27 ta' Frar 2013 (Avveniment Nru 661691) biex jiġu sottomessi lill-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA abbozz ta' miżuri li għandhom jittieħdu mill-Aworità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tar-rikjesta Norveġiża, u billi tingħata s-setgħa lill-Membru tal-Kulleġġ kompetenti biex jadotta d-deċiżjoni finali jekk il-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA japprova l-abbozz ta' deċiżjoni unanimament,

Billi:

Il-Gvern Norveġiż, b'ittra lill-Awtorità tas-17 ta' Ottubru 2011 (Avveniment Nru 611939), għamel rikjesta għal erba' derogi kif ukoll għal awtorizzazzjoni għal miżura restrittiva fuq il-bażi tal-Artikoli 6(2)(a) u 5(2) tal-Att. Ir-rikjesta kkjarifikat li d-derogi kkostitwew dispożizzjonijiet kurrenti tal-ordni legali nazzjonali kif stipulat fl-Artikoli 12, 13, 16, 21 u 28 tar-Regolament Norveġiż.

F'komunikazzjoni tal-24 ta' Awwissu 2012, il-Gvern Norveġiż informa l-Awtorità bl-irtirar tiegħu tal-Artikolu 21 tar-Regolament Norveġiż (tagħmir ta' emerġenza pirotekniku) mir-rikjesta għal derogi.

Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/68 u d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Permanenti Nri 3/12/SC u 4/12/SC, fil-5 ta' Ottubru 2012, l-Awtorità ssottomettiet l-ewwel abbozz ta' miżuri li għandhom jittieħdu quddiem il-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA (minn issa 'l quddiem "il-Kumitat", Avvenimenti Nri 648711 u 643174).

Dan l-abbozz ta' miżuri kien ibbażat fuq rapport tal-valutazzjoni tar-riskju datat l-14 ta' Ġunju 2012 kif ikkummissjonat mill-Awtorità minn Det Norske Veritas (DNV) (Avveniment Nru 640432).

Fit-8 ta' Novembru 2012, il-Kumitat iltaqa' u ddiskuta l-ewwel abbozz ta' miżuri (Avveniment Nru 652659, minuti mil-laqgħa).

Permezz ta' ittra tas-26 ta' Novembru 2012 (Avveniment Nru 654691), il-Gvern Norveġiż irtira l-Artikoli 13 (vettura tal-ajruport bit-tank), 16 (valv ta' sikurezza) u 28 (EX/II/III Unitajiet tat-trasport) mir-rikjesta tiegħu għal derogi, filwaqt li żamm ir-rikjesta tiegħu għal deroga fir-rigward tal-Artikolu 12 (trasport ta' skart perikoluż).

Għaldaqstant, id-deroga li tibqa' rikjesta taħt l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att tikkonċerna l-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż li jawtorizza t-trasport ta' skart perikoluż fin-Norveġja. Din id-dispożizzjoni hija fformulata kif ġej:

"L-Artikolu 12 - Trasport ta' skart perikoluż

1. Meta jkunu qed jiġu trasportati sa 500kg nett ta' oġġetti perikolużi għal kull unita ta' trasport/vagun tal-ferrovija, ikklassifikati bħala skart perikoluż skont ir-regolamenti tal-iskart, ir-rekwiżiti tal-ADR u l-RID għall-ippakkjar, it-tankijiet, l-immarkar, l-ippakkjar imħallat u d-dokumenti tat-trasport biss japplikaw.

2. Meta jinġabar skart likwidu mwassal f'bottijiet, kaxxi, eċċ. jista' jiġi wżat ippakkjar ta' barra bħall-btiti approvata min-NU, IBC riġidu jew ippakkjar kbir. Fdalijiet ta' kolla, żebgħa, soluzzjonijiet tar-reżin jew sustanzi simili f'ippakkjar ta' massimu ta' 10 litri, jistgħu jiġu trasportati fuq palits b'kullari tal-palits, jekk ikun hemm garanzija adegwata kontra t-tnixxija.

3. Skart perikoluż minn unitajiet domestiċi jista' jiġi trasportat f'kaxxi speċjali b'għotjien marbuta b'mod adegwat. Kaxxi bħal dawn jistgħu jiġu mmarkati bħala "Skart Perikoluż". Ir-rekwiżiti fl-ADR/RID fuq ippakkjar imħallat m'għandhomx għalfejn jintlaħqu jekk jittieħdu miżuri suffiċjenti biex jiġu evitati reazzjonijiet perikolużi.

4. Formola ta' dikjarazzjoni skont ir-regolamenti tal-iskart tista' tintuża bħala dokument tat-trasport."

F'dak ir-rigward, l-abbozz ta' miżuri sottomess lill-Kumitat fil-5 ta' Ottubru 2012 kien jipprovdi:

"Ir-rikjesta għal deroga f'relazzjoni mal-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż li jikkonċerna t-trasport ta' skart perikoluż, għandha tiġi aċċettata sakemm il-kumpanija ta' trasport ikollha konsulent tas-sigurtà tal-ADR, u fejn is-sewwieqa għandhom liċenzja tas-sewqan estiża, klassi C jew klassi D. Għall-bqija, għandha tiġi rifjutata."

Fl-ittra tiegħu tas-26 ta' Novembru 2012, il-Gvern Norveġiż indika dan li ġej:

"L-Artikolu 12 Trasport tal-iskart perikoluż

Il-Gvern Norveġiż isostni r-rikjesta tiegħu lill-Awtorità għal deroga nazzjonali rigward dan l-Artikolu, b'xi aġġustamenti.

In-Norveġja tixtieq tirrimarka li l-liċenjza tas-sewwieqa estiża għas-sewwieqa tal-vetturi (klassi C jew D) mhijiex relevanti għas-sigurtà tat-trasport ta' oġġetti perikolużi.

Id-deroga se tinkludi biss ADR. Barra minn hekk, il-kumpaniji għandu jkollhom konsulent tas-sigurtà tal-ADR/RID. Persuni li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż għandhom jattendu t-taħriġ qabel ma jkunu jistgħu jiġu awtorizzati."

Wara rikjesta mill-Awtorità, il-Gvern Norveġiż ipprovda l-kjarifika li ġejja permezz ta' email fit-13 ta' Diċembru 2012 (Avveniment Nru 656664) fir-rigward tal-emendi proposti tiegħu:

"Din il-proposta alternattiva, li tikkonċerna r-rekwiżiti tat-taħriġ, se tkun limitata għat-trasport tat-triq biss, u timplika li s-sewwieqa tal-vetturi li jġorru oġġetti perikolużi ta' skart iridu jiġu mħarrġa:

— Fir-rekwiżiti ġenerali li jirregolaw il-ġarr ta' oġġetti perikolużi ta' skart

— Fit-tipi prinċipali ta' perikli, inkluż l-immarkar u l-ittikkettjar tagħhom

— Fil-miżuri preventivi u ta' sigurtà xierqa għat-tipi differenti ta' perikli

— Fit-tagħbija, il-ħatt, u l-ġarr sigur ta' oġġetti perikolużi ta' skart

— Fl-iskop u l-metodu ta' operat ta' tagħmir tekniku fuq il-vetturi

— Fl-informazzjoni bażika biex jiġi minimizzat iċ-ċans li jseħħ inċident

— Fil-proċeduri ta' rispons ta' emerġenza, inklużi l-miżuri li jistgħu jkunu neċessarji għas-sigurtà tagħhom stess u dik tal-pubbliku u l-ambjent f'każ ta' inċident

— Fl-għarfien tas-sigurtà

Rekords tat-taħriġ tas-sewwieq jinżammu minn min iħaddem u jkunu disponibbli għas-sewwieq jew għall-awtorità kompetenti, meta ssir rikjesta.

Il-kliem eżatt tan-Nru § 12 rivedut għadu mhux ippreparat għal kollox, iżda l-proposta tinkludi s-sustanza tar-Regolament rivedut."

Fis-16 ta' Jannar 2013 (Avveniment 659861), DNV ippreżentat li, fl-opinjoni tagħha il-miżuri ssuġġeriti mill-Gvern Norveġiż dwar taħriġ speċjali għas-sewwieqa jilħaq aktar l-iskop mill-proposta oriġinali ta' DNV għal liċenzja tas-sewqan ta' klassi C jew klassi D.

Fit-18 ta' Jannar 2013 u fl-1 ta' Frar 2013 (Avvenimenti Nru 659983 u Nru 661423), il-Gvern Norveġiż emenda aktar il-proposta tiegħu dwar il-ħtiġijiet ta' taħriġ fit-termini li ġejjin:

“Ir-regolamenti li jirregolaw it-trasport ta’ oġetti perikolużi f’mini tat-triq u l-miżuri xierqa ta’ mitigazzjoni u azzjonijiet ta’ reazzjoni għall-emerġenzi għal dan it-trasport.”

“It-tul tat-taħriġ ikun minimu ta’ 6 unitajiet ta’ tagħlim. Rekords tat-taħriġ tas-sewwieq irċevut iridu jkunu miżmuma minn min iħaddem u jkunu disponibbli għas-sewwieq jew għall-awtorità kompetenti, meta ssir rikjesta.”

Fis-27 ta’ Frar 2013, l-Awtorità ddeċidiet li tippreżenta lill-Kumitat abbozz ta’ miżuri emendati skont dan biex jittieħdu mill-Awtorità fir-rigward tar-rikjesta tan-Norveġja li fadal għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6 (2)(a) tal-Att dwar it-trasport ta’ skart perikoluż (id-Deċiżjoni Nru 88/13/COL); u biex tagħti s-setgħa lill-Membru tal-Kulleġġ kompetenti biex jadotta d-deċiżjoni finali jekk il-Kumitat japprova l-miżuri abbozz unanimament.

Permezz ta’ posta elettronika tal-1 u tat-13 ta’ Marzu 2013 rispettivament, il-Membri tal-Kumitat tat-Trasport tal-EFTA unanimament approvaw dan l-abbozz ta’ miżuri (Avvenimenti Nri 666005, 665893 u 664435).

Għaldaqstant, l-Awtorità tista’ tilqa’ r-rikjesta li fadal tan-Norveġja għal deroga bbażata fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rikjesta għal deroga, magħmula mill-Artikolu 12 tar-Regolament Norveġiż dwar it-trasport ta’ skart perikoluż, ibbażat fuq l-Artikolu 6(2)(a) tal-Att li jistipola li *“Sakemm is-sigurtà mhix kompromessa, Stat Membru jista’ jirrikjedi derogi mill-Anness I, Taqsima I.1 …”* jiġifieri l-Anness li jinkludi l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ Oġġetti Perikolużi bit Triq (il-Ftehim ADR), għandha tkun aċċettata sakemm il-kumpanija tat-trasport ikollha konsulent tas-sigurtà tal-ADR, u sakemm innies li jimmaniġġjaw u jittrasportaw skart perikoluż jattendu taħriġ speċjali qabel ma jkunu awtorizzati jagħmlu dan. [1]

Sewwieqa ta’ vetturi li jġorru skart ta’ oġġetti perikolużi ikunu mħarrġa:

— Fir-rekwiżiti ġenerali li jirregolaw il-ġarr ta’ oġġetti perikolużi ta’ skart

— Fit-tipi prinċipali ta’ perikli, inkluż l-immarkar u l-ittikkettjar tagħhom

— Fil-miżuri preventivi u ta’ sigurtà xierqa għat-tipi differenti ta’ perikli

— Fit-tagħbija, il-ħatt, u l-ġarr sigur ta’ oġġetti perikolużi ta’ skart

— Fl-iskop u l-metodu ta’ operat ta’ tagħmir tekniku fuq il-vetturi

— Fl-informazzjoni bażika biex jiġi minimizzat iċ-ċans li jseħħ inċident

— Fil-proċeduri ta’ reazzjoni għall-emerġenza, inklużi miżuri li jistgħu jkunu neċessarji għas-sigurtà tagħhom stess u dik tal-pubbliku u l-ambjent f’każ ta’ inċident

— Fir-regolamenti li jirregolaw it-trasport ta’ oġġetti perikolużi f’mini tat-triq u l-miżuri xierqa ta’ mitigazzjoni u azzjonijiet ta’ reazzjoni għall-emerġenzi għal dan it-trasport.

— Fl-għarfien tas-sigurtà

It-tul tat-taħriġ ikun minimu ta’ 6 unitajiet ta’ tagħlim. Rekords tat-taħriġ tas-sewwieq iridu jkunu miżmuma minn min iħaddem u jkunu disponibbli għas-sewwieq jew għall-awtorità kompetenti, meta ssir rikjesta.

Artikolu 2

Id-deroga stipulata fl-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni se tiskadi fis-26 ta’ Settembru 2015

Artikolu 3

Id-deroga stipulata fl-Artikolu 1 ta’ din id-Deċiżjoni se tkun ippubblikata fit-taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu skont il-punt 6 tal-Protokoll 1 tal-Ftehim ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tan-Norveġja u se tidħol fis-seħħ meta ssir notifika lil dak l-Istat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija awtentika bl-Ingliż.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta’ Ġunju 2013.

Għall-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA

Sverrir Haukur GUNNLAUGSSON
Membru tal-Kulleġġ

Xavier LEWIS
Direttur

---

[1] L-Artikolu 12 ma japplikax biss għat-trasport bit-triq.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT